# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXX Vol XVI Nru. 191 Ottubru - Diċembru 2019



*"Tibżax tieħu għandek lil Marija"*

400 sena fostna 1619 2019

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu

*Perjodiku ta' kull tliet xhur*

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Dominic Sultana, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
**L-Editur,** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2020:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 8.00 |
| *Ewropa* | € 16.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 20.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2019**

***Sena XXXX Vol XVI Nru. 191***
***Ottubru - Diċembru 2019***






**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu għall-Persuni neqsin mid-dawl

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Daniel Cilia, John Cordina, Terry Camilleri (MGOZ), Joe Mejlak, George Scerri (MGOZ), DOI AFM, Manny Buhagiar, Paul Mangion, Alessio Sultana, Osservatore Romano, Joseph Xuereb, Joseph Zammit.*

**disinn:** *Joseph Xuereb*
**stampar:** Gozo Press - tel: 2155 1534



© Copyright Ta' Pinu Publications 2019
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## F'din il-Ħarġa...


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Imiss li nimxu ma' Marija...*

**3** Marija flimkien ma' Ġesù

**6** *Omelija:* Il-qalb materna ta' Alla

**9** *Omelija:* Ġesù ma jridx li nimxu mingħajr omm

**11** Midalja Unika ta' Tifkira

**12** Att ta' Affidament tal-Persuni Kkonsagrati

**14** *Omelija:* Is-suldati ministri tas-sigurtà u tal-libertà

**17** *Message:* Mary, Mother of Unity

**19** *Omelija:* Lejn Knisja Mistika

**23** *Ittra Pastorali:* Marija t-Triq tal-Ferħ

**26** *Omelija:* Marija l-GPS ta' Alla

**28** *Omelija:* Alla li jintlaħaq minn kulħadd

**31** Kartolina ta' Tifkira

**32** L-Isqof Grech maħtur Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet

**33** Ġrajjet Ta' Pinu rrakkontata minn min dammha (5)

**36** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**43** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**44** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Inpoġġu lill-persuni nieqsa mid-dawl taħt il-ħarsa materna tal-Madonna Ta' Pinu**

# Imiss li nimxu ma' Marija...



## Il-Kelma tar-Rettur

Dun Gerard Buhagiar

F'din il-ħarġa qed nippubblikaw l-aħħar messaġġi li ħarġu matul is-Sena Marjana li issa ġiet fi tmiemha. Nista' ngħid li kienu ħafna dawk li laqgħu lil Marija f'darhom, jew aħjar f'qalbhom. Nemmen li l-kelmiet li l-anġlu Gabrijel qal lil Ġużeppi: "Tibżax tilqa' għandek lil Marija" (Mt 1:20) seħħew ukoll matul din is-sena li qed tiġi fi tmiemha.

Forsi tajjeb li wieħed jistaqsi: "Imma issa xi jmiss?". Wara li ftaħna l-bibien ta' qalbna beraħ u lqajna lil Marija, issa jmiss li nibdew nimxu magħha!

Li nimxu ma' Marija jfisser li nagħmlu minn kollox biex insiru nafuha aktar, nitfgħu ħarsitna fuqha u nħalluha tmexxina lejn Kristu, u dan illum u mhux għada. Iż-żmien igerbeb u jista' jiġri li l-Mulej ikun qrib tagħna u ma nintebħux għaliex forsi ma nagħrfuhx jew għaliex inkunu aljenati fil-ħidma u fix-xogħol ta' kuljum. Għandna bżonn ta' Marija, għaliex hija l-Gwida li twassal lil Kristu għand il-bniedem u li twassal lill-bniedem għand Kristu. Għandhom raġun ħafna mill-Missirijiet tal-Knisja meta fid-dehra li kellu Ġakobb, tas-sellum li jgħaqqad l-art mas-sema, jilmħu l-figura tal-Verġni Marija.

F'dan il-Milied ejjew nagħtu ftit spazju lil Marija, ejjew inqumu u nħallu lil Marija tmexxina lejn Ġesù. Insemmi biss xi punti li bihom Marija tista' tkun verament l-għalliema tal-ħajja spiritwali tagħna.

- Marija hija l-*Anawim*, kelma li tfisser ċkejkna, fqira fl-ispirtu. Marija hija dik li taf u temmen li ħajjitha tiddependi kollha kemm hi minn Alla. Hija tgħix taħat il-ħarsa ta' Alla, kif tistqarr hija stess fil-Magnificat: "Hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (Lq 1:48). Għaħekk hija tistedinna biex inkunu nixbhuha. Bħalha ngħixu bħala dawk li jemmnu li Alla huwa kollox, u għalhekk ma nitkabbrux, anzi nfittxu niddedikaw ħin



lil Alla, fil-mumenti ta' talb u skiet, u nemmnu li mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn.

- Marija ssib il-ferħ tagħha f'Alla għaliex hu s-Salvatur! Għalhekk hija tilqa' kelmtu bi mħabba u tgħixha b'rieda sħiħa. Hija stess tistqarr li hija "l-Qaddejja tal-Mulej"; Alla jieħu l-ewwel post u lilu taqdi bi mħabba. Mhux ta' b'xejn li hija ssir mhux biss l-Omm iżda wkoll is-Sieħba tal-Feddej. Marija tingħaqad mat-tbatija ta' Binha u miegħu timxi t-triq kollha tas-Salib.
- Marija, għaliex hija mimlija b'Alla, ma taf tagħmel xejn għajr *tħobb* u *taqdi*. Bi Kristu f'ġufha hija tmur tħaffef lejn l-għoljiet biex taqdi lil Eliżabetta, u hekk kif tirfes l-għatba tal-bieb tagħha, hija timla lil Eliżabetta u lil Żakkarija b'ferħ qaddis. Mhux ta' b'xejn Ġwanni, għalkemm għadu fil-ġuf ta' Eliżabetta, jaqbeż bil-ferħ.

Dan huwa l-ispirtu veru tal-Milied, u dan huwa l-awguri tagħna lilkom, għeżież qarrejja. Il-Milied ma hux sempliċi tifkira ta' meta Alla sar bniedem; il-Milied huwa l-ġrajja ta' meta Alla għammar fostna. La għammar fostna, mela Alla jinsab fostna, jeħtieġ li niltaqgħu miegħu. Nistgħu niltaqgħu miegħu mhux biss billi ngħixu kelmtu, fil-Knisja, fil-mumenti ta' talb, iżda fuq kollox lil Alla li għammar fostna nistgħu narawh f'dawk kollha li qed iħabbtu l-bieb ta' qalbna biex ngħinuhom, biex nilqgħuhom, biex naqduhom fil-ħtiġijiet tagħhom. Dan ikun l-isbaħ Milied jekk jirnexxielna niltaqgħu mal-Iben ta' Alla li sar bniedem bħalna.

Għażiż qarrej, qum, kuraġġ, u f'dan il-Milied ħalli lil Marija tmexxik u turik fejn jinsab Binha Ġesù. Il-paċi u l-ferħ tas-Salvatur mhux biss jimlew lil qalbek, imma jagħmlu minnek strument tal-Paċi tiegħu! ♦



# Marija flimkien ma' Ġesù

**minn Mons. Lawrenz Sciberras**

Waħda mill-persunaġġi li għexet tassew ir-realtà sħiħa tal-fidwa ħdejn is-salib hija Marija. Din irrappreżentat teżor immens għal Ġesù, u dan għaliex Ġesù nnifsu għamilha depożitarja tal-grazzji kollha tas-salvazzjoni tiegħu. Ġesù ra wkoll f'ommu l-ewwel tweġiba mimlija mħabba mingħajr limiti. Meta jaħseb dwar din ix-xena qawwija tal-Kalvarju, San Ġwann Kriżostmu jikkummenta hekk: "Hemm fuq kien hemm żewġ altari u li fuqhom kienu qed jiġu kkonsmati żewġ vittmi: wieħed fil-ġisem adorabbli tiegħu [Ġesù] u l-oħra fil-qalb sensibbli u tenera ta' omm [Marija]".

## Mixja ta' fidi

Meta wieħed jirrifletti sew dwar Marija ħdejn is-salib għandu jipprova jifhem x'kien qed jiġri tassew f'dak il-waqt. Bla ebda dubju kien hemm mixja qawwija ta' fidi intensa, li wasslet lil Marija biex setgħet tieħu sehem sħiħ u mifhum f'dik il-ġrajja tal-Golgota. Bil-verb "wieqfa" x-xhud okulari ried ifisser li dak kollu li kien għaddej f'dak il-waqt fuq il-Kalvarju, Marija kienet qed issegwih, tifhmu u ġġarrbu b'mod l-aktar sħiħ f'qalbha. Dan isaħħu l-Konċilju Vatikan II fil-*Lumen gentium*: "Il-Verġni Mqaddsa Marija mxiet 'il quddiem fil-pellegrinaġġ tagħha ta' fidi u żammet bil-fedeltà l-għaqda tagħha ma' Binha sas-salib fejn, mhux mingħajr pjan ta' Alla, hi baqgħet wieqfa" (58).

Tajjeb għalhekk li wieħed iħares lura biex jara f'Marija xi wħud minn dawk il-ġrajjiet ta' ħajjitha u li Alla ppreparaha sew għalihom, ġrajjiet li wassluha biex tkun soda anki jekk tbati. Nibdew mit-tħabbira li għamlilha Gabrijel. Wara t-tislima, *"Ave gratia plena"*, l-arkanġlu wasslilha l-messaġġ sħiħ. Marija fehmet dan kollu, fehmet liema responsabbiltà enormi kienet ġejja għal fuq spallejha, tant li "tħawdet ħafna għal dan il-kliem" (Lq

1:29). Din kienet l-ewwel esperjenza l-aktar diretta ta' Marija mad-dinja ġdida ta' Alla. Il-kelma Griega biex tfisser dan l-atteġġjament tax-xebba ta' Nazaret hija *dietaràchthe* – tħawdet ħafna.

## Waqt ta' dixxerniment

Din hija kelma qawwija ħafna li ddomm fiha bosta riflessi. Wieħed għalhekk jaraha bi kbira sew kif l-evanġelista Luqa kitibha f'dan il-kuntest ta' aħbar divina. Iżda hekk kif Alla sa mill-ewwel mumenti tat-tnissil ta' Marija għamilha kollha kemm hi sabiħa, hekk ukoll hawn f'Nazaret kien Alla li mexxa dan il-pjan divin marbut mal-"iva" tal-uman. Ħalli nieħdu xi eżempji oħra fejn hija msemmija din il-kelma, u hekk naslu biex nikkonkludu l-istat qawwi u xokkanti li daħlet fih Marija. Mattew jikteb din il-frażi fil-kuntest tal-Maġi u Erodi. Meta Erodi sama' l-aħbar tat-twelid ta' sultan ġdid, "tħawwad [*etaràchte*] hu u Ġerusalemm kollha miegħu" (Mt 2:3). L-istess atteġġjament ta' taħwid u biża' għadda minnu Żakkarija meta ra l-anġlu tal-Mulej, Gabrjiel, wieqaf in-naħa tal-lemin tal-altar tal-inċens: "Żakkarija malli rah, tħawwad [*etaràchte*] u waqa' biża fuqu" (Lq 1:12). L-istess ħaġa ġralhom id-dixxipli meta raw lil Ġesù miexi fuq l-ilma: *"etaràchtesan"* (Mt 14:26). Dawn huwa tliet eżempji fejn is-suġġett inħasad waħda sew u tħawwad, tfixkel u tgerfex!

Mela għal Marija wkoll kien hemm dan it-taħwid u biża' intern. Dan ġara sewwasew fl-ewwel xhur tal-għerusija tagħha ma' Ġużeppi, fl-ewwel xhur li kienet għadha kemm ħarġet mit-Tempju. Iżda Marija kienet imdorrija għal ħajja ta' talb, ta' pjetà, ta' smigħ tal-Kelma ispirata u ta' riflessjoni. Kien waqt ta' dixxerniment għal din ix-xebba ta' Nazaret. Issa Marija tintebaħ li Alla ħejja pjan differenti għaliha, u bħal Abraham kellha tinsa u tħalli l-pjanijiet tagħha, tixħithom wara daharha, biex tilqa' u tħaddan il-pjan misterjuż imwassal lilha mis-Sema.



Minn issa 'l quddiem Marija tidħol f'żewġ raġunamenti: dak tagħha u dak li ħejjielha Alla. L-evanġelista Luqa juri kemm bejn dawn iż-żewġ pjanijiet kien hemm għaqda perfetta, sintonija tas-sema, għaqda li aktar 'il quddiem ipperfezzjonat ruħha. Dawn il-pjanijiet huma dak li Alla ppredestina għal Marija flimkien mal-ferħ li hi tgħix dan il-pjan sħiħ li hu ħejjielha hawn f'din id-dinja. Marija setgħet intebħet li dan il-pjan, li hija kienet kważi l-protagonista assoluta fih, kien diġà mħejji u mniedi sa minn żminijiet l-aktar imbiegħda.

U għalhekk wieħed hawn jista' jikkonkludi l-ferħ li ġarrbet Marija meta saret omm u xorta waħda Ġużeppi jeħodha għandu bħala martu. Hekk din ix-xebba ta' Nazaret issa tiġi mħarsa wkoll minn dak kollu li tgħid il-liġi tat-Torah fir-rigward tax-xebbiet li jsiru ommijiet (ara Dewt 22:13-28). U biex inkomplu fuq it-tema tal-ferħ, min hu kapaċi jiddeskrivi l-istess ferħ qaddis meta Marija, issa f'Betlehem, tiled, tfisqi u wara terfa' għall-ewwel darba u tħaddan ma' sidirha 'l binha Ġesù tarbija! U dan kollu ġie fuq Marija għaliex hija aċċettat il-pjan sħiħ u mingħajr riservi ta' Alla: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej".

## Żmien ftit imċajpar

Iżda l-Vanġelu ma jibqax lura milli juri li għal Marija kienu waslu snin imċajprin tassew. Dan il-fatt Luqa jurih f'diversi waqtiet ta' ħajjet Marija. Hekk, meta t-tarbija Ġesù ġiet ippreżentata fit-Tempju, mela kien għad għandha biss erbgħin jum, u hawn Xmun lil Marija ħabbrilha li "inti wkoll sejf jinfidlek ruħek" (Lq 2:35). Dan kien ukoll mument ieħor matul ħajjet Marija li forsi hija ma kinitx tistennieh u żgur li ħassibha waħda u sew.



Okkażjoni oħra fejn Marija għaddiet minn waqtiet imċajprin kienet meta wara tlitt ijiem hi u Ġużeppi sabu lit-tifel tagħhom ta' tnax-il sena fit-Tempju. "Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: 'Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!'" (Lq 2:48). It-tfajjel Ġesù meta sama' dan il-kliem fil-pront weġibhom: "U ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' missieri" (Lq 2:49). U Luqa hawn ikompli jżid nota interessanti ħafna: "Iżda kliemu ma fehmuhx".

Fil-ħajja pubblika ta' Ġesù hemm sinjali ċari biżżejjed li matulhom Ġesù wera kemm għandu jħossu liberu fil-qadi tal-missjoni tiegħu, imqar minn ommu. Hekk meta waħda mara għajtet: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt", Ġesù fil-pront wieġeb: "Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!" (Lq 11:27-28).

Mela l-pjan ta' Marija jaqbel dejjem u hu konformi b'mod sħiħ mal-pjan divin, il-pjan li Binha stess ġie fid-dinja biex iwettaq. Hawn wieħed ma jista' qatt jasal biex jimmaġina kemm Ġesù tħassar tassew lil dik l-omm li tilfet lil binha l-waħdieni li kellha (Lq 7:13). Dan allura jfisser ukoll li huwa ħabbha immensament lil ommu Marija. Imma għaliex ħabbha, Ġesù ried juriha li l-ewwel pjan ta' azzjoni kien dak li huwa jkompli sal-aħħar il-missjoni li ġie għaliha. "Jien imbagħad għedt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla'" (Lhud 10:7).

Hekk, b'dan l-atteġġjament ta' Ġesù, għalkemm forsi deher li huwa mar kontra kull forma ta' stima lejn ommu Marija, fil-fatt Ġesù kien aktar iressaq u jorbot 'l Ommu kemm miegħu stess u kemm mal-pjan li Alla sa mill-eternità kien ħejja għaliha. Hekk dehret l-imħabba fl-ogħla grad ta' Ġesù lejn u ma' ommu Marija, dehret dik it-tilqima ta' bejn l-omm u binha, mela bejn it-tfajjel Ġesù u ommu Marija x-xebba ta' Nazaret.

Minħabba din ir-rabta intrinsika, jispjega issa San Bernard, it-tifel (Ġesù) ma jista' qatt jirrifjuta t-talba li tagħmillu ommu Marija dejjem għalina bnedmin uliedha li nisslitna fid-dulur tal-Kalvarju. L-Abbati ta' Clairvaux isaħħaħ dan l-argument tiegħu bil-kliem li Salamun stess qal lil ommu Batseba meta kien fuq it-tron tiegħu: "Itlob, ommi, għax m'iniex se ndawwar wiċċi minnek" (1 Slat 2:20b). Mela kemm aktar dak li hu aqwa minn Salamun (Mt 12:42) mhux se jiċħad dak li Ommu Marija tagħmel u titolbu għalina l-bnedmin! Hekkhu mela kemm tassew Marija u Ġesù dejjem imorru flimkien.. ◆

**Kuljum fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu tingħad it-Talba tar-Rużarju fis-7.30pm u fid-9.00pm**



*Ejja u oqgħod itlob fis-skiet*



# Il-qalb materna ta' Alla

## Omelija fil-Pellegrinaġġ tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija - Sezzjoni Femminili fl-okkażjoni tas-Sena Djoċesana Marjana

***Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb Is-Sibt, 30 ta' Marzu 2019***

**L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Ilkoll jista' jiġrilna li nsibu ruħna fiż-żarbun taż-żewġ ulied fi ħdan il-familja li jsemmi Kristu fil-Vanġelu tal-lum (Lq 15:11-32). Għalkemm kienu jgħammru taħt l-istess saqaf, la l-wieħed u lanqas l-ieħor ma kienu jafu lil missierhom. Il-fatt li ma kinux jafu lil missierhom wassal biex it-tnejn ħassew li kellhom jitilqu 'l barra mid-dar u jaqtgħu r-relazzjoni tagħhom mal-missier u bejniethom. Il-kbir, meta sema' li missieru ordna festa minħabba ħuh, ma riedx jidħol ġewwa u għadda lil missieru minn "proċess" (għalkemm il-missier ħareġ jitolbu jidħol, ma nafux kif spiċċat l-istorja). Iż-żgħir "sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed".

L-istorja tat-tħarbit ta' din il-familja tixħet dawl fuq dak li qed jiġri fi ħdan familja oħra: il-komunità ekkleżjali. Għalkemm ninġabru taħt saqaf wieħed tal-Knisja, nibża' li mhux ilkoll għandna għarfien tajjeb ta' Alla l-Missier. Għalhekk, billi lil Alla ma nafuhx sew, faċli nibdew infittxu l-bieb ta' barra tad-dar, bħal meta ma nħossux il-ħtieġa tal-katekeżi bi tħejjija għas-sagramenti, ma narawx il-valur tal-quddiesa tal-Ħadd, nittraskuraw il-ħajja sagramentali, nagħlqu qalbna għall-proxxmu, u l-bqija. Ma ngħidx li nkunu tlifna l-affezzjoni tagħna għall-Missier, għax kif nistgħu nitilfu xi ħaġa (l-affett) li qatt ma kellna?

Għax ma kienx jaf xi jsarraf missieru, l-iben iż-żgħir tal-parabbola talbu jagħtih is-sehem li kien imissu biex hekk ma jkollux x'jaqsam miegħu aktar. Fi kliem ieħor, kien qed jgħid lil missieru: Agħtini sehmi, għax la rrid



nagħrfek bħala missieri u lanqas nirrikonoxxi lili nnifsi bħala ibnek. Il-fatt li talab li jieħu sehmu qabel ma missieru għalaq għajnejh fil-mewt, ifisser li kien qed jixtieqlu mewt antiċipata. Biex mingħalih ikun ħieles u rajh f'idejh, l-iben joqtol lil missieru. L-istess jiġri lilna fir-relazzjoni tagħna ma' Alla l-Missier! Min huwa sajjem dwar il-Missier jew għandu għarfien żbaljat, jasal biex "joqtol" lil Alla.

Quddiem dan il-frakass, il-missier ma jaqbadx il-bastun f'idejh – ma jużax il-liġi li kienet tagħtih il-fakultà li, jekk ibnu ma jobdihx u jkun stinat, jaqbdu u jieħdu għand ix-xjuħ tal-belt tiegħu biex in-nies kollha ta' beltu tħaġġru sakemm imut (ara Dewt 21:19-21); minflok, huwa jagħtih dak li talbu – jippreferi jagħti ħajtu bit-tama li jsalva lil ibnu. Huwa missier miċħud minn ibnu, imma li ma jiċħadx lil ibnu. Ibnu "joqtlu", imma hu jibqa' jħobbu u jistennieh biex jagħtih il-ħajja mill-ġdid. Ibnu jiftaħ il-bieb biex jitlaq 'il barra, u l-missier iżomm il-bieb miftuħ beraħ biex xħin irid jerġa' lura.

Għalkemm biex jilħaq l-aspirazzjonijiet tiegħu fil-bluha tiegħu l-bniedem jipprova joqtol lil missieru, huwa qatt ma jasal li jħassar għalkollox il-memorja tiegħu. Hekk ġara lill-iben iż-żgħir. Meta mess il-qiegħ, għaraf li jekk irid jgħix, kien jeħtieġlu jirritorna għand missieru, imqar bħala wieħed mil-lavranti. F'ċertu sens nistgħu ngħidu li għalkemm kien fiżikament 'il bogħod mid-dar ta' missieru, tul dak iż-żmien kollu l-missier baqa' preżenti f'ħajtu – mhux tant għax hu (it-tifel) kien jaħseb fih, imma għax il-missier baqa' b'moħħu fih.

Għax qabel ma telaq mid-dar, missieru kien ġa beda jistennieh ġej. L-imħabba tal-missier tara 'l bogħod. Meta jikteb li "kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu", San Luqa, aktar milli qed jiddeskrivi l-għajnejn tajba tal-missier, qed jgħidilna kemm kellu qalb kbira. Għax qabel rah b'għajnejh, huwa kien rah b'qalbu. Aktar ma ibnu kien 'il bogħod, il-missier aktar daħal fil-profondità ta' qalbu.

Fl-għajnejn tal-bniedem iż-żagħżugħ li ġie lura kellu dehra miżera, kien ilsir, nofsu mejjet u mitluf; imma l-ħarsa li tinfed tal-missier ma tiqafx fuq l-estern, imma tara l-ġewwieni u f'dik il-persuna mtertqa u li kienet tertqitlu qalbu, huwa jara lil ibnu u jħaddnu miegħu.

It-traduzzjoni tal-Malti tgħid li "kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru". Fit-traduzzjoni bit-Taljan, flok il-kelma

"tħassru" jużaw il-frazi "*fu commosso nelle viscere*" – il-missier ħass il-ġewwieni tiegħu jitqanqal. Hawnhekk San Luqa juża l-kelma bil-Grieg *esplanchnìsthē* li bil-Lhudi hija tradotta *rahamin*, li fl-istess għerq tagħha tfisser "il-ġuf tal-omm". Dan ifisser li l-missier ħabb lil ibnu bl-istess imħabba ta' omm.

Forsi hawn għandna r-raġuni għaliex fil-parabbola San Luqa ma jsemmix lill-omm taż-żewġ ulied. Il-fatt li l-Evanġelista jgħid li l-missier ħabb lil ibnu bil-ġewwieni tal-omm ifisser li fil-figura tal-misser huwa jwaħħad il-paternità mal-maternità: il-missier huwa omm ukoll. Bir-raġun l-artista Rembrandt, meta jpitter ix-xena tal-missier iħaddan lil ibnu, id waħda tal-missier hija ta' raġel filwaqt li l-oħra hija id ta' mara!

Ma għandna ebda diffikultà li napplikaw dan kollu għall-Missier Alla. Fl-Iskrittura għandna diversi passaġġi fejn Alla huwa mxebbah mal-omm: "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt" (Iż 49:10); u band'oħra jgħid: "Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jien infarraġ lilkom" (Iż 66:13). Klement Alessandrinu kien l-ewwel fost is-Santi Padri li jgħid illi "f'Alla l-kobor jagħmlu missier u l-kompassjoni lejna tagħmlu omm. Il-Missier sar mara biex jista' jħobb" (*Quis dives salvatur* 37, 2); u Ġuljana minn Norwich tikteb: "Kif Alla huwa verament missier, huwa wkoll tassew omm tagħna. Dan qalhuli fir-rivelazzjonijiet li kelli" (*Libro delle rivelazioni*, 231). Fil-Katekiżmu tal-Knisja nsibu li "l-ħlewwa ta' missier li juri Alla tista' tiġi mfissra wkoll bi xbieha ta' omm li turi… l-intimità li hemm bejn Alla u l-ħlejjaq tiegħu" (n. 239).



Ħadd aktar minn Marija, Omm Alla, ma jista' jgħinna niskopru l-maternità tal-Missier, għax min isib lilha jkun sab rifless tal-Missier. F'Marija l-miżerikordja u l-ħlewwa materna ta' Alla jsibu l-aqwa espressjoni tagħhom. Il-maternità ta' Alla timmanifesta ruħha fil-maternità ta' Marija. Il-qalb ta' Marija hija estensjoni tal-qalb materna ta' Alla l-Missier. Fi kliem il-Papa Franġisku, "fil-wiċċ matern ta' Marija tilma t-tjubija ta' Alla". Fil-femminilità tagħha, Alla jilbes dik il-ħlewwa u d-delikatezza tal-imħabba materna. Fid-dar tagħna lkoll, fil-Knisja, il-preżenza ta' Marija hija meħtieġa. Marija hija gwida żgura li flimkien ma' Binha jwassluna għand il-Missier.

Għalhekk, għeżież Soċji membri tas-Soċjetà tal-Museum, fid-dawl ta' din ir-riflessjoni niġbed tliet konklużjonijiet:

1) Din il-parabbola, li tissejjaħ ukoll "vanġelu ġewwa vanġelu", tgħinna nifhmu lil dawk li jitilqu mid-dar u jsiru "spiritwalment orfni". Kif għidt aktar 'il fuq, ħafna drabi wieħed jabbaduna l-Qasam, iċ-Ċentru tad-Duttrina, il-Knisja, għax ma jkunx jaf sewwa lill-Missier. Wieħed jawgura li ma tkunx ħtija tagħna li wieħed ikollu fehma sfigurata tal-Missier.
2) Fil-persuna u fl-atteġġjamenti tal-Missier/Omm tal-parabbola għandna lezzjoni pedagoġika ta' kif għandna nilqgħu u nakkumpanjaw lil dawk fdati fir-responsabbiltà tagħna bħala katekisti, partikularment lil dawk li jkun fit-trufijiet.
3) Fuq l-eżempju tal-Fundatur, San Ġorġ Preca, ma nibżgħux nieħdu lil Marija Ommna għandna għax hi turina l-karatteristiċi materni ta' Alla l-Missier u fl-istess waqt tagħmlilna l-qalb biex bħall-missier tal-parabbola ngħinu lill-proxxmu tagħna biex jagħmel l-esperjenza sabiħa tal-qawmien: "Dan ibni kien mejjet u raġa' qam". ♦




# Ġesù ma jridx li nimxu mingħajr Omm

## Omelija waqt l-Acies tal-Leġjun ta' Marija

*Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb*
*Il-Ħadd, 31 ta' Marzu 2019*

**L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Jidher li l-familja li dwarha jitkellem Ġesù fil-parabbola (Lq 15:11-32) kienet waħda tat-tajjeb! Fil-fatt, kellhom ħafna għelieqi, kienu jrabbu l-għoġiela u l-gidien, kellhom ħaddiema jaħdmu magħhom u kienu jitħallsu sewwa, tant li l-iben iż-żgħir jgħid li kellhom "ħobż bix-xaba'", ma kinux mitluqa fi lbieshom, tant li meta t-tifel ġie lura d-dar missieru ordna lill-qaddejja biex iġibulu l-isbaħ libsa, ilibbsulu ċurkett u jagħtuh sandli. Fi kliem ieħor, kienet familja li kellha l-ġid.

Imma jekk din il-familja kien irnexxielha tagħmel suċċess materjali, umanament kienu fqar ħafna. Meta niflu ftit il-karattri taż-żewġ uliedhom jidher ċar li t-trobbija kienet falliment. It-tifel il-kbir tant kellu qalb xierfa li mhux biss ma jurix interess f'ħuh li "kien mitluf u nstab", imma, mikul bl-għira, lanqas ried li missieru jagħmillu festa. Ma ħamilx jara lil missieru jifraħ! Mhux talli ma fehemx lil missieru, talli jipprova jgħaddih proċess u jkiddu. Il-fatt li lanqas isejjaħ lil ħuh iż-żgħir b'ismu jikkonferma li bejn l-aħwa ma kien hemm ebda relazzjoni.

L-imġiba tat-tifel iż-żgħir tikxef l-immaturità tiegħu. Biex jikseb l-awtonomija u l-libertà talab lil missieru jaqsmilhom ġidu ħin qabel il-waqt u abbanduna l-familja. Bl-għan li jissodisfa x-xewqat libertini tiegħu, qaċċat ir-relazzjoni li kellu ma' missieru u ħuh. Xejn ma wera li kien għaqli fl-amministrazzjoni ta' ħwejġu tant li "berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra" u "ħela kulma kellu". Fi kliem ħuh il-kbir, dan kien xalatur jiġri man-nisa żienja. Il-fatt li meta ġie dahru mal-ħajt mar jaħdem fir-raba' jirgħa l-ħnieżer u "jimla żaqqu bil-ħarrub" juri biċ-ċar li kienx rawwam fih ħiliet kbar.

X'kien hemm nieqes fil-ħajja ta' dawn it-tnejn biex kellhom daqshekk vojt? Huwa evidenti li figura importanti bħalma hija l-omm ma tissemma xejn fil-parabbola. Huwa minnu li Luqa jattribwixxi lill-missier kwalitajiet materni[1], imma xejn ma jieħu post il-preżenza tal-omm fil-familja. Bit-tenerezza, il-ħlewwa, l-imħabba u l-intuwizzjoni tagħha, l-omm kienet tagħmel differenza fil-ħajja ta' dawn l-ulied. Hija kienet tieħu lil wieħed u lill-ieħor fi ħdanha u bis-seħer matern tagħha kienet tgħinhom jibnu relazzjoni filjali ma' missierhom u fraterna bejniethom. Bil-mod tipiku tagħha ta' omm il-parir it-tajjeb hija kienet tfehemhom, tikkoreġihom u tirbaħhom. Ma jistax jonqos li kienet tgħin fil-proċess ta' rikonċiljazzoni biex terġa' twaqqaf ir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Għalhekk l-assenza tagħha mhux fattur insinifikanti, għax kieku l-omm kienet preżenti, kieku l-istorja kienet tieħu żvolta oħra.

Fl-Ittra Pastorali li aħna l-Isqfijiet wassalnielkom fil-bidu ta' dan ir-Randan semmejna diversi djar fejn hemm id-diffikultajiet. L-istorja tal-parabbola tal-lum tagħmel preżenti għalina tip ta' dar oħra li nitħassbu dwarha: dik id-dar fejn għal xi motiv jew ieħor m'hemmx il-preżenza taż-żewġ ġenituri. Huma l-ulied infushom li jfissru x-xewqa li l-ġenituri ma jkunux assenti minn ħajjithom. Napprezza li ħafna ġenituri jagħmlu sagrifiċċji biex kemm jista' jkun ma jċaħħdux lil uliedhom mill-kura paterna u materna tagħhom. Dan jgħodd b'mod partikulari għall-ommijiet. Kif jikteb il-psikoanalista Massimo Recalcati, ħafna drabi għall-ulied li jkunu jitrabbew, "il-wiċċ tal-omm huwa l-wiċċ tad-dinja".

Daqskemm l-omm hija meħtieġa fid-djar tagħna, daqshekk ieħor u aktar il-preżenza tal-Omm għandna bżonnha għall-esperjenza spiritwali li nagħmlu fi ħdan il-komunità ekkleżjali. Jekk irridu nibnu relazzjoni personali matura mal-Missier Alla u fl-istess waqt ikollna relazzjonijiet tajba bejnietna, neħtieġu l-preżenza ta' Ommna Marija. Fi kliem il-Papa Franġisku, "kull darba li nħarsu lejn Marija, insiru nemmnu aktar fil-qawwa rivoluzzjonarja tat-tenerezza u l-imħabba". Għalhekk intennilkom: la tibżgħux tieħdu lil Marija għandkom id-dar. Għax jekk Ommna Marija tkun assenti mid-"dar" tagħna (il-Knisja), ikollna nħabbtu wiċċna ma' problemi funzjonali mhux żgħar.

San Lwiġi Marija Grignon de Montfort fit-*Trattat dwar il-vera devozzjoni lejn Marija* jikteb: "Jien konvint li ħadd ma jista' jasal għall-għaqda mal-Mulej u għall-fedeltà perfetta lejn l-Ispirtu s-Santu jekk ma jkunx magħqud ma' Marija u ma jkollux is-sokkors tagħha". F'paġna oħra l-istess qaddis jikteb li "bir-rieda ta' Alla, Marija hija neċessarja għall-bnedmin" – ma nistgħux ngħaddu mingħajrha. Hija t-triq li twassalna għand Kristu u li minnha Kristu jasal għandna. Huwa għalhekk li fl-Ittra Pastorali għedna li minn fuq is-salib Ġesù "jibgħatna għand Marija – jibgħatna għandha għax ma jridx li nimxu mingħajr Omm". Marija tiġbed lil Ġesù warajha. Fejn hemm hi, ikun hemm hu.

Għeżież Leġjunarji, f'isem il-Knisja f'Għawdex nitlobkom tgħinuna biex nagħmlu lil Ommna Marija aktar magħrufa u maħbuba. Hija parti mis-sejħa leġjunarja tagħkom li kull ġimgħa twettqu "xogħol leġjunarju". Nappellakom biex f'din is-Sena Marjana tiffukaw l-appostolat tagħkom f'ħidma li tqarreb lil Ommna Marija lejn in-nies. Inħeġġiġkom biex f'ħidmiet bħalma huma l-kuntatti personali, iż-żjajjar lill-familji u lill-morda, l-*Exploratio domenicalis*, u l-bqija, intom titkellmu dwar il-ġmiel tal-maternità ta' Marija u taqsmu mal-oħrajn l-esperjenzi personali tagħkom ta' meta doqtu t-tjubija tal-imħabba u l-qawwa tal-interċessjoni u l-protezzjoni ta' Marija.



Lilkom il-Leġjunarji mhux ser ngħidilkom titolbu bit-talba tar-Rużarju, għax naf li tgħiduh; lilkom inqawwilkom qalbkom biex tixxennqu għall-grad ogħla ta' "pretorjani" u hekk tgħidu l-Uffiċċju tal-Madonna. Imma neżortakom biex bħala appostli tar-Rużarju tħajru u tikkonvinċu aktar persuni u familji ħalli jaqbdu f'idejhom il-kuruna u jimmeditaw din it-talba li hija "għal qalb Marija u b'riflessjonijiet dwar Ġesù".

Nixtieq li f'din is-Sena Marjana fid-Djoċesi nagħmlu kampanja biex aktar Insara jagħmlu l-Att ta' Affidament lill-Madonna (dak li fl-imgħoddi konna nsejħulu "Att ta' Konsagrazzjoni"). Għax min jintelaq f'idejn din l-Omm ikun jixbah lid-dixxiplu l-maħbub li "ħa lil Marija d-dar tiegħu". Inserraħ fuqkom, għeżież Leġjunarji, li tkunu minn ta' quddiem ħalli tippropagaw dan l-Affidament lil Marija, li fil-kliem ta' San Lwiġi Marija Grignon de Montfort huwa konsagrazzjoni lil Kristu minn idejn Marija.

Għax "fejn hemm Marija jkun hemm Ġesù; u fejn hemm Ġesù hemm il ħajja li tegħleb il mewt, il grazzja li teħles mid dnub, it tama li terfa' min niket, il maħfra li tinfaxxa l miksur, il ferħ li jkeċċi d dwejjaq, is sliem li jtemm kull ġlied" (mill-Ittra Pastorali ta' dan ir-Randan). ♦

1 Ara Omelija *Il-qalb materna ta' Alla*, 30 ta' Marzu 2019.

# Midalja Unika ta' Tifkira
## għar-Raba' Ċentinarju tal-Kwadru Ta' Pinu







Fl-okkażjoni tal-400 sena minn meta ġie mpitter il-Kwadru mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu, is-Santwarju Nazzjonali tagħha f'Għawdex ser joħroġ Midalja Kommemorattiva, waħda tal-fidda (925 sterling silver) b'dijametru ta' 45mm (f'edizzjoni limitata ta' 200) u oħra tal-bronż b'dijametru ta' 45mm (f'edizzjoni limitata ta' 200).

Il-midalja li hija xogħol tal-artist u medaljista Noel Galea Bason. Fuq quddiem il-midalja turi l-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu, waqt li fuq wara hemm il-kliem li jinsab fuq il-kwadru: isem Amadeo Perugino, il-pittur tal-kwadru, is-sena 1619 u l-isem ta' Pinu Gauci li ħallas għall-kwadru. Il-Midalja tal-fidda tista' tinkiseb għal prezz ta' €120.00 waqt li dik tal-bronż għal prezz ta' €75.00.








# Att ta' Affidament tal-Ikkonsagrati lill-Madonna Ta' Pinu

## Sena Djoċesan Marjana 2018-2019

*L-Affidament tal-Erwieħ ikkonsagrati sar nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju 2019, lejlet il-Festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, fejn wara Mixja ta' Fidi mid-Dar ta' Karmni Grima lejn is-Santwarju, l-Isqof Patri George Bugeja* OFM *mexxa Pontifikal għar-reliġjużi rġiel u nisa flimkien ma' persuni lajċi kkonsagrati. Fi tmiem il-Pontifikal, ilkoll daħlu fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu quddiem il-Kwadru tagħha u hemm sar l-Att ta' Affidament minn Patri Marcello Ghirlando* OFM*, Delegat tal-Isqof għar-Reliġjużi u l-Ħajja Kkonsagrata, f'isem il-persuni kollha kkonsagrati.*



**Madonna Ta' Pinu,**
**int li sejjaħt lil Karmni Grima f'dan il-post qaddis,**
**agħtina l-grazzja li llum nerġgħu nisimgħu leħnek:**
**"Ejja!".**

**Aħna niġu u b'ħerqa mġedda flimkien irroddu ħajr lil Alla**
**li għoġbu jsejħilna li nimxu wara Ibnu Ġesù fil-ħajja kkonsagrata.**

**Lilek, ja Omm ħanina,**
**nafdaw il-ħajja kollha tagħna**
**biex bħalek inkunu semmiegħa tal-Kelma,**
**qaddejja tal-Vanġelu**
**u b'ħajjitna ħabbara tal-grazzja u tal-imħabba ta' Alla.**

**Lilek, Sultana tal-Familja,**
**nafdaw lilna nfusna u l-fraternitajiet tagħna**
**biex ikunu bejtiet ta' talb, ta' ħidma wtiqa u ta' xhieda ta' mħabba.**




**Lilek, Omm il-Mulej tagħna Ġesù Kristu,**
**nafdaw il-kariżmi li ġejna mogħnija bihom,**
**biex jibqgħu ta' ġid għall-Knisja Mqaddsa.**

**Lilek, Għarusa tal-Ispirtu s-Santu,**
**nafdaw ix-xewqat, it-tamiet u l-fidi tagħna,**
**kif ukoll il-qtigħ il-qalb u t-toqol tagħna,**
**biex ilkoll niġu mogħtija ħajja ġdida mill-Ispirtu s-Santu,**
**li qaddsek u xeħet id-dell tiegħu fuqek.**

**Lilek, Omm u xempju tagħna,**
**nafdaw it-tamiet tagħna,**
**biex tagħmilna sinjali ħajja u profetiċi**
**tal-imħabba ta' Alla għall-bnedmin kollha.**

**Lilek, Omm u Ħarriesa tagħna,**
**nafdaw il-preżent u l-futur tagħna.**

**Lilek, Ħajja, ħlewwa u tama tagħna,**
**nafdaw il-ħajja kollha tagħna.**

**Lilek, Omm Ġesù u Ommna lkoll,**
**nafdaw iż-żgħażagħ kollha**
**li Ibnek qed isejjaħ biex jimxu warajh fil-ħajja kkonsagrata.**

**"Ejja!"...**
**Aħna ġejna bi ħġarna.**
**Lilek nafdaw il-ħajja kollha tagħna**
**u s-siegħa tal-mewt tagħna.**



**Miegħek, o Marija, Madonna Ta' Pinu,**
**u mal-Knisja kollha**
**nagħtu ġieħ u sebħ lil Ibnek,**
**il-Mulej tagħna Ġesù Kristu,**
**għall-glorja ta' Alla l-Missier.**

**Ammen!** ◆




# Is-Suldati ministri tas-sigurtà u tal-libertà

## Omelija fil-Pellegrinaġġ tal-Forzi Armati ta' Malta

***Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb***
***It-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019***

**L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Is-soċjetà ta' żmien Kristu ma kinitx differenti wisq minn tagħna. Meta naraw lil Ġesù jiltaqa' ma' raġel imbikkem u oħrajn milquta minn kull xorta ta' mard ifisser li sa minn dejjem il-bniedem ikollu jħabbat wiċċu mal-ħażen li kapaċi jagħmlilna ħajjitna miżerja! Huwa fatt li l-ħażen huwa t-traġedja tal-umanità, għax fil-ħażen hemm l-għerq ta' kull għamla ta' tbatija. Il-ħażen ibejjet fil-qalb tal-bniedem, għax kif jgħid l-awtur Russu Dostoyevsky, "ix-xitan jissielet ma' Alla u l-kamp tal-gwerra hija l-qalb tal-bnedmin" (*L-Aħwa Karamazov*). Meta mbagħad il-ħażen ibejjet fi qlub u mħuħ miġbura flimkien (il-ħażen organizzat), il-ħsara tkun aktar gravi. Hemm il-ħażen li huwa frott tad-dgħufija u l-limiti tal-bniedem, imma hemm ukoll il-ħażen li huwa frott ta' deċiżjoni ħielsa: tal-ewwel huwa skużabbli imma tat-tieni huwa terrur.

Kultant quddiem dan ix-xenarju ta' ħażen li kontinwament qed jhedded il-kwalità tal-ħajja, jekk mhux ukoll itemm il-ħajjiet ta' tant persuni innoċenti, wieħed bir-raġun




jaħbat jaqta' qalbu! Għalkemm ħadd ma jidra t-tbatija li ħaddieħor jikkawżalu, b'xorti ħażina bħal donnu qed insiru indifferenti u insensibbli quddiem l-attroċitajiet li ħafna qed jgħaddu minnhom minħabba l-ħażen ta' madwarhom. Għaldaqstant, is-soċjetà donnha tippreferi ddawwar wiċċha u tagħlaq widnejha biex la tara l-attroċitajiet u lanqas tisma' l-karba ta' min huwa ferut fid-dinjità umana tiegħu.

Imma fil-Vanġelu Ġesù jagħti kas ta' dawk li kienu midruba mill-ħażin. Misjuq mill-imħabba ġenwina lejn il-bniedem, Ġesù jagħmel dak kollu li jista' mhux biss biex itaffi l-effetti tal-ħażen (ifejjaq lill-imbikkem u lill-morda), imma jfittex li jelimina l-għerq tal-ħażen li huwa ppersonifikat fix-"xitan". Huwa "jkeċċi x-xitan" li kien qed ijassar lill-bniedem.

Fir-rumanz li semmejt aktar 'il fuq, Ivan Karamazov jgħid: "Jien nemmen illi jekk ix-xitan ma jeżistix u allura kien il-bniedem li ħolqu, dan ħoloq ix-xitan fuq xbieha tiegħu nnifsu". Dan ifisser li l-bniedem huwa x-xitan u x-xitan huwa l-bniedem. L-ispirtu ħażin jgħammar f'kull wieħed u waħda minna, u jekk nagħtuh il-ħabel kapaċi jiġri ħafna bina. Inrażżnuh biss jekk inħallu lil Ġesù (Alla) jidħol fil-ħajja tagħna. Fil-fatt, għal Dostoyevsky, min iwarrab lil Alla jaħseb li "kollox huwa permess" u għalhekk iċedi għall-ħażin!

Għeżież membri tal-Forzi Armati ta' pajjiżna, bir-raġun il-Knisja ssejħilkom "ministri tas-sigurtà u tal-libertà tal-popli" (*Gaudium et spes*, 79), għaliex il-missjoni tagħkom tixbah lil dik ta' Kristu: intom tiġu wiċċ imb wiċċ mal-bniedem mhedded mill-ħażen biex troddulu l-ħelsien. Ħafna drabi tissejħu f'dawk il-qagħdiet skabrużi fejn ikun hemm biża' ta' kunflitti, biex tħarsu l-buon ordni, biex tgħassu kontra l-kriminalità, biex tiggarantixxu s-sigurtà, anki dik nazzjonali, biex tkunu deterrent ħalli ma jsirx traffikar ta' kull għamla; fuq kollox biex issalvaw il-ħajjiet, partikularment ta' dawk li biex jaħarbu l-ħażen qed ikollhom jaqsmu l-baħar ta' madwarna. Kif qal ilbieraħ il-Papa Franġisku, dawn l-immigranti huma vittmi tal-kultura tal-iskart. Nagħmel tiegħi l-kliem tal-Papa meta jgħid: "Irrodd ħajr lil dawk li jsalvaw dawn il-ħajjiet għax huma qed jgħixu llum il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb li waqaf biex isalva l-ħajja tal-fqajjar li kien maħbut mill-ħallelin. Ma qagħadx jistaqsih minn fejn ġej, għaliex kien qed jivvjaġġa jew jitolbu d-dokumenti… huwa sempliċement iddeċieda li jieħu ħsiebu u jsalvalu ħajtu" (il-Vatikan, 8 ta' Lulju 2019).

Il-ħidma tagħkom issir aktar tqila u riskjuża meta barra li ttaffu kull xorta ta' piż minn fuq dahar il-bniedem, intom tipprovaw "tkeċċu x-xitan" li huwa l-moħħ tal-kriminalità u l-ħażen. Għax x'jiswa li wieħed inaddaf l-għanqbuta jekk ma jeliminax il-brimba? Dan huwa xogħol delikat ħafna u jaf jesponikom għal perikli kbar, għax tkunu qegħdin teħduha kontra "leġjun ta' spirti ħżiena" li xi wħud minnhom xi drabi jkunu libsin ta' anġli.

Xi drabi lanqas is-soċjetà stess ma tifhimkom u tapprezzakom! Meta Kristu bewweġ lil dak ix-xitan li kien kawża ta' tant ħażen u tbatija, kienet il-folla stess li daret kontrih u akkużatu li "bis-saħħa tal-Prinċep tax-xjaten qiegħed ikeċċi x-xjaten". Fi kliem





ieħor, min ma ħax pjaċir bl-intervent tiegħu għajru u kkalunnjah li kien hemm xi għamla ta' kollużjoni bejnu u l-forza tal-ħażen! Jekk għamlu hekk lill-Iben ta' Alla, ma jagħmlux hekk lilna? Ħasra li s-soċjetà tista' tkun daqshekk ingrata lejkom u tfittex ix-xagħra fl-għaġina biex tikkritika l-Armata!

Waqt li ninsabu f'dan is-Santwarju Ta' Pinu, nitfgħu ħarsitna fuq Ommna Marija. Bil-qawwa feddejja ta' Kristu, Marija hija l-mara li tisħaq b'għarqubha ras is-serq, simbolu tal-ħażen. Fil-misteru tat-Tlugħ tagħha fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem, imfakkar fil-Kwadru li minnu Marija sejħet lil Karmni Grima, għandna prova oħra li t-tajjeb jirbaħ fuq il-ħażin. Kif josserva l-psikanalista Gustav Jung meta jikkontempla l-Assunzjoni tagħha, Marija hija s-soluzzjoni għall-misteru tal-ħażen. Hija qed tgħidilna li l-ħażen mhux daqshekk katastrofiku u qerriedi daqskemm jidher, għax fl-aħħar it-tajjeb jegħleb il-ħażin.

Għalhekk, tibżgħux tieħdu lil Marija għandkom biex tkun hi li tweżinkom u tagħtikom il-kuraġġ fil-ġlieda kontra l-ħażin. Sejħulha bil-qalb waqt li tkunu fuq xi missjoni. Biex niżgurakom mill-patroċinju tagħha llum nafda lill-Forzi Armati taħt il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu u nitlobha tkompli twennes il-familji għeżież tagħkom. ♦





# ĠEDDED
## *l-Abbonament tiegħek*

**Abbonament għas-sena 2020**

- Lokali: **€8.00**
- Ewropa: **€16.00**
- Barra mill-Ewropa: **€20.00**
- Sostenitur: **Offerta Libera**

*Ibgħat id-dettalji tiegħek flimkien mal-ħlas lill-Editur, Santwarju Madonna Ta' Pinu, Ta' Pinu, l-Għarb GRB 1704, Għawdex.*




# Mary, Mother of Unity

## Message during an Ecumenical Meeting

*Ta' Pinu Sanctuary, Għarb, Gozo*
*Monday, 15 July 2019*

**H.L. Mgr Mario Grech,**
**Bishop of Gozo**

I had a deep yearning that during this Marian year I meet other non-Catholic Christians living in Gozo. I believe that in today's age, it is essential that we Christians seek each other to firstly sustain ourselves as we follow Christ and also to be as witnesses to the world around us. I am convinced that many in our midst are seeking that which can fill their hearts and in this quest they ask both philosophical and theological questions. As neighbours living on the same island, I believe, that albeit our limitations, we Christians have a significant proposition that we can offer them.

With this in mind, recently I have set up an ecumenical commission in Gozo. Even though I took this initiative in my role as Catholic bishop, I do not have any claim of authority on the work of this commission. It is my wish that we create a forum where we Christian brothers and sisters help each other when facing the existential crises that surround us. It is my ardent desire that this Commission incorporates representatives from all Christian denominations present on the island.

On this occasion, I suggest that we meditate the icon of the visitation of Mary to her cousin Elizabeth. This scene is resonant with profound meaning because in it we can see that God's promise to his chosen people is finally happening, even, if, at this stage, the waiting is still hidden in a process of gestation. The two women, Mary and Elizabeth, represent two periods of the history with God – two periods in the history of the Church. Between them, there is no confrontation, disparagement or discord but on the other hand, there is a harmonious sentiment of intent listening, collaboration and growth. These two women bless and help each other.



The story of the visitation thus helps us to appreciate the gift of ecumenism as the movement that brings the various Christian churches closer to each other to share their respective theological, liturgical and spiritual legacies. For example, I have a longing that we understand the Anglican and Orthodox Mariology. Whilst it is true that this can be easily done by going through books, I am convinced that no book can compare to the real-life experience of faith and love that you live. "It is the very aim of the "dialogues" to enable one to discern the differences in them that could separate them out from those which are acceptable or which even constitute an enrichment for every Church. In this encounter there could be a divine surprise! As between Elizabeth and Mary, the Churches have experienced in ecumenical dialogue the help offered by the Holy Spirit who makes it possible to recognize the faith that leads to the heart of Jesus as Christ and Lord in the other Church too, a true and just faith, expressed with different words and coherences" (Elisabeth Parmentier, An image of Ecumenism", *L'Osservatore Romano* 2, May, 2016).

We ceaselessly pray that Mary helps us in this fresh ecumenical experience that we are launching in Gozo. One crucial insight that the Catholic Church acquired during Vatican Council II was that Mary is not only the Mother of God, but she is also a disciple of Christ. Her life was a pilgrimage of faith and thus she is our sister in our discipleship as we follow Jesus. The motto that we have chosen for this Marian year – *Let us not be afraid to welcome Mary into our lives* – aptly fits our ecumenical course. She, who is the Mother of unity amongst Christians, will lead us to stronger relations amongst ourselves. "Just as Mary's presence in the early community fostered oneness of heart, which prayer strengthened and made visible (cf. Acts 1:14), so the most intense communion with her whom Augustine called the 'Mother of unity' (Sermo 192, 2; PL 38, 1013) will be able to bring Christians to the point of enjoying the long-awaited gift of ecumenical unity" (John Paul II, 12th Nov., 1997). ◆





# Lejn Knisja Mistika

## Omelija fl-Għeluq tas-Sena Marjana

## Velja tal-Għid tal-Assunta

***Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb L-Erbgħa, 14 ta' Awwissu 2019***

**L-E.T. Mons. Mario Grech,
Isqof ta' Għawdex**

Għalina l-Insara, l-Għid tal-Assunta huwa festa singulari. Mhux ta' b'xejn li l-kotra jagħmlu *shut down*, iwaqqfu r-rutina tal-ħajja mgħaġġla ta' kuljum biex jistrieħu u jieħdu r-ruħ. Jien nixtieq li Santa Marija, barra li tkun mument ta' *relax*, tkun ukoll okkażjoni biex nieqfu nirriflettu dwar kif nistgħu ntejbu l-livell tal-ħajja tagħna. Santa Marija tielgħa s-Sema qed tgħidilna biex nerfgħu qlubna 'l fuq, għax aktar ma nitilgħu 'l fuq, aktar naraw 'il bogħod! Il-bniedem għaqli jkun jixtieq jara x'hemm fix-xefaq!

Biex il-bniedem jerġa' jsib lilu nnifsu u jagħmel l-ordni fil-qafas soċjali tagħna, jekk f'pajjiżna rridu niżguraw futur għalina u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin, għandna bżonn nibdew nitkellmu b'aktar serjetà dwar il-ħajja spiritwali. F'idejna għandna r-riżultati ta' xi jfisser ma tagħtix kas jew tipprova tidfen id-dimensjoni spiritwali tal-bniedem! Inkunu nkomplu nħaffru l-ħofra li għamilna u jgħarrilna bil-kbir jekk naħsbu li l-pajjiż jista' jibqa' għaddej mingħajr ruħ. Inħoss li jgħoddu għalina kemm l-osservazzjoni li għamel Charles Peguy (1873-1914) meta qal li "r-rivoluzzjoni li neħtieġu jew ser tkun waħda morali jew ma tkun xejn", u kemm il-kumment tal-ħassieb Emmanuel Mounier (1905-50): "Jew ir-rivoluzzjoni ser tkun waħda spiritwali jew ma tkun xejn".

Aħna l-Insara nistgħu nagħtu sehemna f'din ir-rivoluzzjoni meta nibdew nieħdu b'impenn serju s-sejħa Nisranija tagħna. Ħamsin sena ilu, Karl Rahner, magħruf bħala

l-ikbar teologu tas-seklu għoxrin li tkellem dwar il-grazzja, kien "ħabbar" li n-Nisrani tas-seklu wieħed u għoxrin jew ikun mistiku jew ma jkun Nisrani xejn.

Dan l-appell biex aħna l-Insara nkunu "mistiċi" ma jfissirx li rridu nistennew li jkollna mumenti ta' estasi jew viżjonijiet bħalma kellhom mistiċi kbar bħal Santa Tereża ta' Avila u San Ġwann tas-Salib. Għalkemm dawn il-fenomeni straordinarji jagħmlu parti mill-esperjenza mistika, il-bniedem mistiku huwa dak li jidħol f'relazzjoni personali u immedjata ma' Alla. Il-mistiku huwa dak li jagħmel esperjenza ta' Ġesù Kristu. Dan ifisser li n-Nisrani ma għandux ikun kuntent li jkun sema' b'Alla jew li jkollu ftit ħjiel dwar Ġesù, imma n-Nisrani huwa dak li jintebaħ li Alla huwa preżenti f'ħajtu u jħoss lil Alla viċin tiegħu. Dan l-aħħar, wieħed żagħżugħ tani ħjiel ta' ħajja mistika meta fissirli r-relazzjoni tiegħu ma' Ġesù b'dan il-kliem: "Waqt li kont ma' sħabi nieħdu kafè, esperjenzajt xi ħaġa sabiħa ħafna, inkun naf li qiegħed miegħU, ħdejH".

Billi Alla jħobbna qabel ma aħna nħobbuh, hu jikkomunika lilu nnifsu ma' kull bniedem. Għalhekk kull bniedem min-natura tiegħu huwa *homo misticus*. Qabel ma nisimgħu dwar Alla, Alla jinsab fina. Għalkemm ħafna drabi l-preżenza tiegħu tkun preżenza anonima (għax ma nafux insejħulu b'ismu) u forsi wkoll imrażżna, tibqa' preżenza li timbuttana biex ningħaqdu miegħu. Il-mistiċiżmu fir-reliġjon Nisranija għandu l-bidu tiegħu fl-intimu tagħna – fil-kuxjenza tagħna fejn jidwi l-leħen ta' Alla. Kull bniedem jesperimenta lil Alla b'mod kostanti anki jekk ma jkunx jaf jispjega dak li jkun iġarrab. Saħansitra anki l-ateisti li jgħixu ħajja onesta u jgħinu lill-proxxmu tagħhom jista' jkollhom esperjenza mistika!

Il-Ġiżwita San Pietru Favre (1506-1546) kien konvint li l-preżenza ta' Alla tnibbet kullimkien. Il-mistiku Meister Eckhart (1260-1328) kien jgħid: "Stennew li ssibu lil Alla f'kollox. Kristu huwa attent għall-ħajja tagħna fl-isfumaturi kollha tagħha". Fil-fatt, Rahner jitkellem dwar dak li jsejjaħ "il-mistiċiżmu fil-ħajja ta' kuljum". Il-ħajja ta' kuljum hija "skola ta' talb" għax iġġibna wiċċ imb wiċċ ma' fatti u esperjenzi li qegħdin hemm biex ilaqqgħuna mal-misteru ta' Alla li huwa preżenti sieket. Santa Tereża minn Avila tgħid lis-sorijiet li "Alla tiltaqa' miegħu qalb il-borom, it-twaġen u kzazel fil-kċina". F'waħda mill-viżjonijiet tagħha, Ġuljana minn Norwich (1342-1416) titkellem fuq "Alla tad-dar". Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li nistgħu niltaqgħu ma' Alla meta jkollna l-ixkupa f'idejna, waqt li tkun tkaħħal, waqt li tkun l-uffiċċju, fis-sala tal-isptar, terfa' l-merkanzija fis-*supermarket*, waqt li tkun bl-uniformi tħares l-ordni, waqt li tiddiskuti l-liġijiet tal-pajjiż... Jekk Alla mhux preżenti fil-ħajja ta' kuljum, ifisser li dak "Alla" li nemmnu fih huwa biss ħlejqa ta' moħħna jew tat-tradizzjoni u mhux Alla ħaj! Daqskemm il-laqgħa ma' Alla tista' ssir fit-tempju, daqshekk ieħor tista' ssir fit-triq. Hemm kontinwità bejn l-esperjenza li nagħmlu ta' Alla waqt il-liturġija (sagramenti) u l-esperjenza ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum. Meta nqis kif hija ċċelebrata ċerta liturġija tagħna, ma niskantax li jkun hawn min aktar jiġi qrib ta' Alla fil-pjazza milli fit-tempju!

Alla jiġi jiltaqa' magħna fid-damma tal-ġrajjiet tal-istorja tagħna, anki dawk il-ġrajjiet koroh. Il-bniedem jagħmel esperjenza ta' Alla kemm fil-mumenti ta' "konsolazzjoni" u kemm f'dawk "ta' deżolazzjoni". Għax il-grazzja tista' tispunta wkoll minn dak li huwa l-iskart tal-ħajja: bħal meta nibqgħu nittamaw minkejja li nkunu ngħixu fis-solitudni; meta





naħfru mingħajr ma nistennew il-grazzi; meta ma nweġġgħux lil min iweġġagħna; meta nibqgħu sodi ma' dak li tgħidilna l-kuxjenza anki jekk nirriskjaw li jgħodduna b'boloh; meta nkunu onesti f'soċjetà diżonesta; meta nibqgħu nitolbu, ukoll meta jidher li qegħdin nitolbu għalxejn... L-esperjenza ta' Alla taf tkun aktar qawwija meta ngħaddu minn fallimenti, għax f'waqtiet bħal dawn, filwaqt li tinkixef id-dgħufija tagħna, toħroġ aktar fid-dieher l-id qawwija ta' Alla. Għall-mistiku s-sodda tal-marid hija altar fejn jinżel Ġesù; meta jlibbes u jitma' lill-fqir, iħossu qed ilibbes u jitma' lil Ġesù; meta jiftaħ dirgħajh biex jilqa' lill-barrani li qed jegħreq, iħossu qed iħaddan lil Ġesù; meta għajnejh jiltaqgħu ma' għajnejn il-ħabsi, huwa jara tilma l-ħarsa miksura ta' Ġesù.

Meta nqis li aħna aktar imħeġġin għal "Alla tar-reliġjon" milli għal "Alla tal-kċina", it-talba tiegħi f'dan il-mument solenni tal-konklużjoni tas-Sena Marjana hija li Marija tgħinna nieħdu r-ruħ spiritwalment, partikularment biex tgħinna ngħaddu minn spiritwalità li hija interessata f'dak li huwa straordinarju għal "mistika tal-ħajja ordinarja" li tgħinna napprezzaw ix-xrar tal-Infinit li jgħammex l-għajnejn.

Marija nfisha għexet din il-mistika fid-dar sempliċi ta' Nazaret. Hija għamlitha ma' Alla fil-kċina, fil-kamra tal-ħjata, fil-kamra tal-ħasil, fil-ħanut tax-xogħol ta' żewġha u fil-kamra tas-sodda! L-intimità tagħha ma' San Ġużepp għenitha tidħol f'intimità ma' Alla. Id-dar kienet it-tempju tagħha. Kif jgħidilha l-Isqof Tonino Bello, "Santa Marija, mara tad-dar, għinna nifhmu li l-kapitlu l-aktar sabiħ li għandna dwarek fit-teoloġija mhux dak li jitkellem dwarek fil-Bibbja jew fil-Patristika, lanqas dak li nsibu fl-ispiritwalità jew fil-liturġija, fid-dommi jew fl-arti. Imma huwa dak li jqiegħdek fid-dar ta' Nazaret, fejn bejn it-tisjir u l-ħjata, bejn id-dmugħ u t-talb, bejn il-kobob tas-suf u parċmina mkebba tal-Kelma ta' Alla, inti kellek esperjenza, immarkata bil-psikoloġija femminili tiegħek, tal-ferħ mingħajr ħażen, id-diqa mingħajr disperazzjoni". Frott ta' din il-ħajja kontemplattiva Marija laqgħet lill-Iben ta' Alla fi ħdanha u kompliet tagħmilha miegħu fil-ħajja ordinarja tal-Familja Mqaddsa. Hemmhekk hija laqgħet il-Kelma u kienet toqgħod taħseb dwarha bejnha u bejn ruħha. L-għaqda tagħha ma' Alla sabet il-qofol tagħha dakinhar tal-Assunzjoni tagħha, fejn il-kori tal-anġli daħħluha tgħammar għal dejjem fi ħdan it-Trinità Qaddisa. Fil-ferħ li jilma fl-għajnejn jixegħlu ta' Santa Marija għandna ħjiel ta' xi jħossu l-mistiċi!

Il-ħajja mistika hija wkoll "Marjana" mhux biss għax Marija hija dik li fetħitilna t-triq tal-esperjenza mistika u taqbadna minn idejna biex idaħħalna f'din l-esperjenza profonda ta' Alla, imma wkoll għaliex bl-eżempju matern tagħha hija ssaħħarna u tqanqalna biex nixxennqu għal din l-esperjenza.

Hija x-xewqa tiegħi li nibqgħu ngħożżu d-devozzjoni Marjana bl-għan li ninbnew fi Knisja mistika. Nixtieq Knisja li twarrab il-karfa ta' fidi sentimentali, devozzjonali u maqtugħa mill-ħajja, filwaqt li tfittex tagħti prijorità lill-Kelma ta' Alla u tintensifika qatigħ il-ħajja tat-talb, speċjalment l-Adorazzjoni Ewkaristika. Nixtieq Knisja inqas "soċjoloġika" (Ivan Pojavik) li tintilef fuq dak li huwa estern, u iktar Knisja ta' ħajja interjuri u għalhekk temmen fil-qawwa tat-talb. Kif tgħid Santa Tereża ta' Avila, il-ħajja tat-talb hija l-esperjenza ta' Alla f'dak kollu li jgħaddi minnu l-bniedem u l-esperjenza tal-bniedem fl-esperjenza ta' Alla. Kif jgħid Bonhoeffer, fil-ħajja ta' Santa Tereża t-talb huwa dik l-għanja ħierġa fil-qalb ta' min qed jitlob fejn il-melodija *(cantus firmus)* hija l-imħabba ta' Alla u l-kontrapunt huwa l-imħabba lejn il-ħolqien, u għalhekk ma hemmx tensjoni bejn il-ħajja attiva u dik kontemplattiva.

Għandna grazzja kbira li fid-Djoċesi għandna "monasteru" ta' ħajja kontemplattiva. Għalkemm preżenza ħiemda, nemmen li s-sorijiet ta' Santa Klara huma eżempju u sejħa permanenti għalina biex nimxu f'din it-triq li twassal għal għaqda profonda ma' Alla. Nemmen li s-Santwarju Ta' Pinu wkoll huwa benniena ta' ħajja mistika. Min jista' jgħodd l-għadd ta' dawk il-persuni, Insara u mhumiex, li ġew f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu u din qabbdithom it-triq tal-mistiċiżmu – dawk li resqu għandha spiritwalment vojta jew mitfija u telqu minn quddiemha b'qalbhom ħuġġieġa taqbad bl-imħabba għal Alla u għal proxxmu!

Qed jikber in-numru ta' dawk li jħossuhom mitlufin fil-ħajja tal-fidi u ma jarawx sens fil-ħajja sagramentali. Kif nistgħu naqsmu magħhom il-ferħ tal-Vanġelu? La bil-predikazzjoni astratta tad-domma u lanqas b'appelli moralistiċi, imma billi noffrulhom il-possibbiltà li jiltaqgħu ma' rġiel u nisa li jkunu għamlu esperjenza personali ta' Alla. Huwa għalhekk li n-Nisrani tas-seklu tagħna jew ser ikun mistiku jew ma jkun Nisrani xejn. Il-Knisja tal-lum jew ser tkun Knisja mistika jew tista' tagħlaq il-bibien. Nagħmel tiegħi kliem il-Papa Franġisku: "Is-soċjetà tagħna għandha bżonn tal-mistiċi – bnedmin li għandhom għal qalbhom l-imħabba u l-fraternità, bnedmin li huma lesti li jerfgħu ftit mit-tagħbija li qed ittaqqal lill-oħrajn. Mingħajr dawn il-persuni mistiċi m'hemmx tama għad-dinja" (*Udjenza*, 21 ta' Ġunju 2017).

Għalkemm għalikom jien Isqof, magħkom jien Nisrani. Għalhekk f'dan il-mument speċjali, bħala pellegrin u ragħaj, inqiegħed fi ħdan Ommna Marija din il-karba: li tgħinna nkunu mistiċi li ngħaqqdu l-fidi mal-ħajja ta' kuljum. ♦





# Marija t-Triq tal-Ferħ

**Ittra Pastorali tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija u l-Għeluq tas-Sena Marjana**

Il-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard kien jirrakkontalna li darba, waqt li kien ġej bil-vapur lejn Malta wara esperjenza mal-foqra fl-Italja, resaq fuq żagħżugħ barrani u staqsieh x'inhu l-ferħ. Iż-żagħżugħ fetaħ flixkun birra, legleg minnu u, waqt li wrieh il-flixkun, qallu: "Dan huwa l-ferħ!". Ġara li matul il-vjaġġ qam il-maltemp u kien hemm diversi li ddardru, fosthom dan iż-żagħżugħ, li tant għamillu deni li għalef il-ħut! Xħin il-vapur daħal il-Port il-Kbir, Dun Mikiel b'ħafna mħabba staqsieh x'kien ġara mill-ferħ tiegħu. Iż-żagħżugħ skuża ruħu u qallu li kien qed jiċċajta meta kien tah l-ewwel tweġiba.

Skont stħarriġ li sar fl-aħħar snin, pajjiżna hu fost l-aktar pajjiżi fid-dinja fejn wieħed jgħix ferħan. Ħaġa sabiħa, imma kemm tassew hu minnu dan? Inħoss li llum ħafna huma dawk li qed jagħmlu l-istess mistoqsija li għamel Dun Mikiel dwar x'inhu l-ferħ, iktar u iktar meta bħal donnu l-ferħ veru qed jiskarsa. Madwarna hawn diversi sitwazzjonijiet ta' diqa li jtaqqlu l-moħħ u l-qalb. Biżżejjed insemmu s-sħab iswed li hawn fuq ċerti koppji miżżewġa li, f'temp ta' ftit żmien, qed jaraw il-ħolma ta' ħajja ferrieħa fiż-żwieġ issirilhom suf; jew it-tkattir ta' problemi soċjali ġodda li qed iżidu sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' saħħa mentali fostna u f'tant pajjiżi oħra.

Is-soċjetà toffri ħafna riċetti biex il-bniedem jieħu pjaċir. Imma l-pjaċir mhux ferħ. Id-dinja tan-negozju taf li l-bniedem għandu dan il-bżonn naturali li jkun ferħan u tinvesti ħafna biex "tbegħelna" dak li taparsi huwa ferħ. Imma qabel ma tressqilna "l-prodotti" li "jferrħu", id-dinja rnexxielha żżarma kodiċi li kien jiggwidana ħalli nagħżlu bejn imġiba li tixirqilna u dik li tiswielna ta'

deni. Daħħlulna f'moħħna li, biex wieħed mingħalih ikun ferħan, kollox huwa permess.

Imma l-fatt li llum il-bniedem għandu l-liċenzja li jagħmel li jrid ifisser li aħna poplu aktar ferħan? Għandu jħassibna l-fatt li wasalna f'punt fejn il-bniedem qed jipproponi li l-kannabis jew il-marijuana jkunu legalizzati għal "użu rikreattiv" li, fi kliem sempliċi, ifisser li qed noffru d-droga biex il-bniedem ikun ferħan! Possibbli s-sitwazzjoni hija daqshekk serja li wasalna li, biex il-bniedem ikun ferħan, irridu nagħtuh f'idejh dak li x-xjenza hija xettika dwaru, tant li hemm min jgħid li dawn huma ta' dannu għas-saħħa tal-bniedem?

Waħda mill-kawżi tan-nuqqas ta' ferħ hija l-fatt li kulma jmur il-bniedem qiegħed dejjem jinqata' għalih waħdu. Naf b'ġenituri mħassba għax uliedhom dejjem magħluqa f'kamarthom, ferħanin bil-kuntatti teknoloġiċi li għandhom imma mingħajr ebda ħeġġa biex jiltaqgħu ma' sħabhom.

Għaliex l-individwaliżmu jkattar id-diqa u jisraq il-ferħ? Għax aħna nġarrbu l-ferħ veru meta nsibu ruħna f'relazzjoni ma' xi ħadd li nafu li jħobbna, għandu interess ġenwin fina, jaħseb fina, jaċċettana bis-sabiħ u l-ikrah tagħna. Nimtlew bil-ferħ meta nidħlu f'relazzjoni bis-sens ma' xi ħadd li jidħol f'qalbna. Ilkoll nafu li mhux kull min għandu l-but imfawwar huwa ferħan, għax il-ferħ ma jiddependix minn kemm nippossedu imma minn kemm jirnexxilna nibnu relazzjoni sinifikattiva ma' xi ħadd li jħobbna. Nixtieq ħafna li l-Knisja f'pajjiżna tagħmel xi ħaġa biex tgħin lill-bniedem ikun ferħan. Flimkien mal-ħidma tal-Knisja biex inkunu qrib min hu batut u mgħobbi bis-slaleb tal-ħajja, dan nistgħu nagħmluh fuq kollox billi nxandru l-ferħ tal-Vanġelu u ngħinu lill-oħrajn jilqgħu d-don tal-fidi. Il-fidi mhix kwistjoni ta' liġijiet li jirrazzjonaw il-ferħ tal-bniedem. It-twemmin Nisrani jdaħħalna f'relazzjoni ma' Alla. Jekk, kif għidt aktar 'il fuq, il-ferħ jiġi minn relazzjoni ma' persuna li tħobbna, mela x'inhu l-ferħ sopranaturali li jimla l-qalb tal-bniedem li jidħol f'relazzjoni ma' Ġesù Kristu li jħobbna mingħajr kejl!



Min jiltaqa' ma' Ġesù jsib il-ferħ. Imma aħna nagħtu xhieda ta' dan il-ferħ? Għandu raġun il-Papa Franġisku meta jgħid li ħafna Nsara jgħixu r-Randan mingħajr Għid. Xi drabi aħna wisq pessimisti u negattivi. Min-naħa l-oħra, madwarna hawn diversi persuni li, minkejja li ħajjithom hija għat-telgħa, jagħtuna xhieda li l-fidi f'Alla tagħtihom ħafna tama, u t-tama timliehom bil-kuraġġ u l-faraġ.

Matul is-Sena Marjana kellna diversi mumenti fejn tfajna ħarsitna fuq Marija. Kien sinifikattiv ħafna l-Affidament tagħna lil Marija, kemm meta konna flimkien bħala djoċesi f'Ta' Pinu u kemm meta dan sar fil-komunitajiet parrokkjali. Diversi kappillani rrakkontawli esperjenzi kommoventi li għexu għadd ta' familji meta x-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu daħlet fid-dar tagħhom. Fix-xhur li għaddew kellna diversi mumenti li kebbsu fina d-devozzjoni Marjana, fosthom dawk ta' katekeżi (bħan-Novena tal-Milied u l-Eżerċizzi tar-Randan), il-pellegrinaġġi parrokkjali, djoċesani u nazzjonali li saru lejn is-Santwarju Ta' Pinu, bħal dawk tal-Korp tal-Pulizija u tal-Forzi Armati ta'

Malta, il-laqgħa ekumenika, id-djalogu ma' dawk li mhumiex Insara, u mumenti oħra bħal dawn. Għexna mument qawwi ħafna meta grupp ta' ħabsin iltaqgħu mal-Madonna, kemm meta dawn ġew fis-Santwarju u kemm meta berikna u poġġejna xbieha tal-Madonna fil-Kappella tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Għall-grazzja ta' Alla, din il-laqgħa ma' dawn ħutna li qegħdin il-ħabs qanqlet ħafna karità ġeneruża. Bħala "monument" li nixtieq li nwettqu biex jibqa' jfakkar b'mod ħaj u prattiku din is-Sena Marjana, bdejna t-tħejjijiet biex id-dar ta' Trionfi fir-Rabat tinbidel f'ċentru djoċesan tal-karità. Jien fiduċjuż li dan kollu għandu jgħinna biex nibqgħu nikkontemplaw lil Marija, li għal diversi motivi l-Knisja ssejħilha *causa nostræ lætitiæ* – ir-raġuni tal-ferħ tagħna.

Marija hija l-mara tal-ferħ għax kellha relazzjoni mill-qrib ma' Ġesù. Fil-fatt, f'Nazaret l-anġlu jgħidilha: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek" (Lq 1:28). Misjuqa minn dan il-ferħ, Marija tmur għand Eliżabetta, u malli ssellem lil qaribtha, din tgħidilha li t-tarbija fil-ġuf qabżet bil-ferħ (Lq 1:44). Imbagħad Marija tinfexx tgħanni l-*Magnificat*, li huwa "splużjoni ta' ferħ".

Għalhekk, ma għandu jkollna ebda dubju li Marija hija kawża tal-ferħ tagħna, għax hija "mezz tajjeb biex nilħqu t-tagħrif sħiħ tal-Iben ta' Alla sakemm nilħqu l-milja ta' Kristu" (Efes 4:13). Devozzjoni Marjana li ma tlaqqagħniex ma' Ġesù, fi kliem San Lwiġi Marija de Montfort, hija "djabolika".

Marija timliena bil-ferħ mhux biss għax twassalna għand Ġesù, imma wkoll għax bejnha u bejnu hemm għaqda perfetta. Marija hija t-triq u l-mudell tal-ferħ għalina mhux biss għax hi "Bieb tas-Sema", imma wkoll għax hi stess hija mara mimlija ferħ. Huma diversi l-Missirijiet tal-Knisja li tkellmu dwar Marija bħala "l-bidu tal-ferħ u t-tmiem tas-saħta".

Issa li wasalna fi tmiem is-Sena Marjana, bil-ħeġġa kollha ntenni: jekk tridu tkunu ferħanin, "tibżgħux tieħdu lil Marija għandkom"! Dan l-appell nagħmlu lil kulħadd, imma b'mod partikulari lil dawk li għal xi raġuni jew oħra jonqoshom il-ferħ. Ħadd ma għandu jirrassenja ruħu għad-dwejjaq. Il-ferħ huwa don li l-Ispirtu s-Santu joffri lil kulħadd, ukoll lil dawk li fl-imgħoddi għamlu xi froġa fil-ħajja personali jew familjari tagħhom; lil dawk li tant ilhom ibatu li ż-żmien nessiehom kif jifirħu; lil dawk li għandhom qalbhom tqila għax huma konxji mid-dgħufija spiritwali u morali tagħhom; lil dawk li tfixklu fil-mixja tal-fidi u tħajru jaqbdu toroq oħra. Kif fit-tieġ ta' Kana, Marija tat sehemha biex Ġesù fawwar bil-ferħ il-qlub tal-għarajjes u tal-mistednin, illum ukoll Marija lesta tintervjeni ħalli l-bnedmin (kemm dawk li qegħdin fil-Knisja u kemm dak li jinsabu barra minnha) u l-ambjenti varji tagħna (familjari, soċjali u ekkleżjali) jimtlew bil-ferħ, u hekk fostna u madwarna jkollna inqas qtigħ il-qalb, tgergir, rabja, qrid, negattività, ġlied u sentimenti oħra negattivi u ta' ħsara.

Kif nista' ninsa dawk l-uċuħ b'għajnejn jgħumu fid-dmugħ daqskemm fraħna meta, matul din is-Sena, il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu ġie fil-parroċċi tagħna! Is-sejħa li għamlitilna Ommna Marija minn dan il-Kwadru hija sejħa biex nindukraw il-ferħ f'qalbna. Għaliex f'dan is-Santwarju għażiż tagħna, Marija tridna nikkontemplaw l-Assunzjoni tagħha, kif irrappreżentata f'dik ix-xbieha mirakoluża, antika erba' mitt sena. Din il-ġrajja tfakkarna li mal-mewt għajnejna jingħalqu għal din id-dinja u jinfetħu biex naraw lil Alla wiċċ imb wiċċ. Min jista' jfisser kemm ferħet l-Assunta meta rat mill-ġdid lil Kristu glorjuż fis-Sema! Dan huwa l-ferħ li jilma fl-għajnejn jixegħlu ta' Santa Marija. Aħna għandna tama qawwija li aħna wkoll għad inġarrbuh dan il-ferħ.

B'dawn ix-xewqat f'qalbi, filwaqt li nistedinkom għall-Velja tal-Assunta fuq iz-Zuntier tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu biex flimkien nagħlqu s-Sena Marjana, nitlob fuqkom il-barka tas-Sema.

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex** ♦




# Marija l-GPS ta' Alla

## Omelija fil-Quddiesa għas-Sewwieqa tal-Muturi

*Zuntier tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb*
*Il-Ħadd, 15 ta' Settembru 2019*

**L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex**

Meta naqra l-istorja ta' "l-iben il-ħali" (Lq 15:11-32) inħossni qed naqra l-istorja tiegħi, u konvint li ħafna minnkom, meta jisimgħu r-rakkont bħali,iħossuhom komdi fiż-żarbun ta' din il-persuna.

Dan iż-żagħżugħ ma kienx xi bniedem ħażin; imma meta bħali u bħalek kellu l-età tiegħu, ħass li ma kellux jibqa' bil-kurdun taż-żokra marbut ma' ommu u missieru. Xtaq ikun liberu u jieħu l-awtonomija tiegħu. Deherlu li mhux sew jibqa' miexi fit-triq li għamillu missieru. Ma riedx li l-ġenituri tiegħu jibqgħu jiddeċiedu għalih. Iddeċieda li joħroġ mill-qafas tat-tajjar li kellu d-dar. Ried jagħmel triqtu. Kien wasal iż-żmien li jqum fuq riġlejh u jimxi waħdu.

Imma l-istorja tkompli tgħidilna li meta għamel din l-għażla, ma ġitux tajba. Ħafna drabi l-istess jiġri lilna: nafu fejn nixtiequ mmorru, nafu x'inhi d-destinazzjoni, imma nieħdu triq żbaljata. Ħafna drabi nitilqu lejn post imbiegħed,imbagħad meta naslu, niskopru li nkunu ħadna triq b'oħra.

Intom il-*bikers* li dejjem tfittxu destinazzjonijiet ġodda li jistgħu jagħmlukom kuntenti, li bil-muturi tagħkom tieħdu toroq ġodda biex flimkien tammiraw il-ġmiel tan-natura u tistrieħu, tistgħu tgħinuna nifhmu din l-esperjenza. Għax naħseb li jiġrilkom li tkunu konvinti li tkunu qbadtu triq tajba li ser twassalkom fil-post, imbagħad issibu li tkunu żbaljati – tkunu soqtu l-mutur għal tant kilometri u taslu f'destinazzjoni differenti minn dik li tkunu ħlomtu biha.

Insib interessanti li meta dan iż-żagħżugħ tilef triqtu, sab it-triq tiegħu! Meta żbalja t-triq, sab ruħu f'ċirkustanzi li stimulawh biex ifittex u jsib it-triq it-tajba. Mela li wieħed jitlef it-triq – b'kumbinazzjoni jew b'għażla – mhux bilfors hija ħaġa ħażina, imma taf tkun *opportunità* biex wieħed isib it-triq tiegħu!

Dan iż-żagħżugħ "ħela" l-wirt kollu li tah missieru. Mingħand missieru huwa ma wiritx biss flus, imma rċieva fehmiet, konvinzjonijiet, tradizzjonijiet, twemmin, ritwali u l-bqija. Meta dan iż-żagħżugħ rema dan kollu, sab ruħu f'diffikultajiet serji. L-istess jiġri lilna: meta nikbru, aħna nkunu ttentati narmu dak kollu li jkunu għaddewlna ta' qabilna. Imma meta nagħmlu hekk, inkunu nirriskjaw inċidenti gravi – nirriskjaw li naraw il-mewt bħaż-żagħżugħ tal-parabbola li kien ser "imut bil-ġuħ".

Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li ż-żagħżugħ ġie f'tiegħu, intebaħ li kien ħa triq b'oħra u ħass il-bżonn li jfittex it-triq. Il-memorja ta' missieru tatu l-qawwa jqum u jibda miexi f'dik it-triq li kellha twasslu biex iġarrab it-tgħanniqa kollha mħabba tal-missier. Meta ftakar kemm kien iħobbu missieru, huwa għażel it-triq li twasslu biex isib dak li kien imxennaq għalih!

Jien ninkwieta meta xi ħadd jgħid li huwa konvint mit-triq tiegħu,meta ma jkunx hu li sab it-triq imma jkun fassalhielu ħaddieħor. Ninkwieta qatigħ meta fil-Knisja jkun hemm min tant hu ċert minnu nnifsu li ma jħossx li għandu jfittex it-triq tiegħu,u pjuttost jistrieħ fuq toroq li kienu tajba għall-bieraħ imma ma għadhomx tajba llum. Importanti li kull wieħed minna jsib it-triq tiegħu jew tagħha,fis-sens li wieħed għandu jsib il-mod tiegħu kif jersaq għand Alla. Fidi li mhix frott ta' tfittix tiegħek personali tibqa' fidi formali u fidi ambjentali. Ma nsuqux fuq mappa li jpittrilna ħaddieħor,imma nistinkaw biex kull wieħed jagħmel ir-*road map* tiegħu biex ikun jista'jidħol f'relazzjoni ma' Alla.

Għax jaf jiġrilna kif ġara lill-iben il-kbir tal-istorja. Dan baqa'fid-dar ta' missieru u ma ħassx il-bżonn li jsib triqtu. Ma rriskjax li jfittex it-triq tiegħu u baqa' fl-iżball. Mingħalih kien fit-triq it-tajba,imma kien żbaljat; mingħalih kien "ġewwa" fid-dar (fil-Knisja),u fil-fatt kien "barra", tant li qatt ma rnexxielu jidħol fil-qalb tal-missier! Iż-żgħir li "telaq" mid-dar sab id-dar, filwaqt li l-kbir li kien konvint li kien fid-dar, "tilef" id-dar. Hekk jista'jiġri lilna fil-Knisja!

Dettall interessanti f'din l-istorja huwa l-atteġġjament tal-missier. "Kif kien għadu 'l bogħod, missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu". Kif ra lil ibnu fit-triq, il-missier "tar" minn postu u ħareġ jiġri. F'din l-okkażjoni, meta aħna mdawrin b'tant muturi, jiġini li ngħid li l-missier kien tant imħeġġeġ biex iħaddan lil ibnu li "qabbad il-mutur" u tar biex jgħabbih u hekk iħaffiflu t-triq u jdaħħlu f'daru.

Ma nistgħux inkunu ħbieb ta' Alla jekk qabel ma nkunux intbaħna li Alla jħobbna. Naslu biex inħobbu lil Alla biss meta nagħmlu esperjenza tal-imħabba b'xejn tiegħu.

Intom il-*bikers* tgħallmuna li ħafna drabi għandna bżonn il-GPS biex insibu t-triq. Meta llum qegħdin f'dan is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, nippreżentalkom lil Marija bħala 'GPS ta' Alla'. Tibżgħux tieħdu lil Marija għandkom! Marija hija GPS li nistgħu noqogħdu fuqu biex iwassalna għand Ġesù li huwa t-triq. ♦





# Alla li jintlaħaq minn kulħadd

## Omelija fit-Tberik ta' Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu għall-għomja

*Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb Is-Sibt, 22 ta' Ġunju 2019*

**L-E.T. Mons. Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex**

Huwa faċli li meta nisimgħu kliem bħal dan li jgħid Ġesù fil-Vanġelu – "Kunu lesti… għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem" (Mt 24:44) – jaqbadna l-biża', għax normalment aħna nassoċjaw din is-siegħa mal-mument tal-mewt! Imma Ġesù Kristu ma jridx ikattar il-biża' li aħna għandna. Fil-ħajja hemm diversi ħwejjeġ li jtaqqlulna moħħna, inisslu fina tħassib serju u jaqtgħulna qalbna; imma allaħares Alla tagħna huwa Alla tat-twerwir.

Mela xi jfisser dan il-kliem? Hawnhekk Ġesù qed jagħmlilna proposta biex jekk jista' jkun aħna niltaqgħu miegħu "llum". Jien għandi x'jgħidli li meta tisimgħuna nitkellmu dwar din il-laqgħa tal-bniedem ma' Alla, fostkom ikun hemm min huwa konvint li dan id-diskors ma japplikax għalih – dan il-kliem ma jdoqqx għal widnejh għax ikun konxju mid-dgħufija tiegħu. Fil-fatt, hemm min jaħseb li peress li għandu storja mħawda, hu ma jikkwalifikax biex jagħmel din l-esperjenza ta' Alla f'ħajtu. Diversi huma tal-fehma li Alla mhux ser jaħli ż-żmien mal-midinbin.

Dan ix-xorta ta' raġunament huwa żbaljat. Għax b'xorti tajba Alla jaħsibha differenti minna l-bnedmin. Aktar ma l-bniedem ikun mgħaddas 'l isfel fil-ħmieġ, aktar il-qalb ta' Alla tkun imħeġġa għalih. F'każijiet bħal dawn, ix-xewqa ta' Alla li jiltaqa' ma' dan il-bniedem aktar tissaħħaħ.

Imbagħad hemm min jirraġuna li billi ma jgħaddix sigħat jitlob għarkupptejh, għax bilkemm isib nofsiegħa l-Ħadd biex jisma' l-quddiesa, allura qatt ma jista' jġarrab din l-esperjenza daqshekk mill-qrib ma' Alla.

Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù jagħtina tweġiba meta jgħid li l-miġja ta' Bin il-bniedem ser tkun bħal kif seħħ fi żmien Noè. Dakinhar qabel id-dilluvju n-nies "kienu jieklu u jixorbu, jiżżewġu u jżewġu, sa dakinhar li Noè daħal fl-arka u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd". Ara ma jkunx hawn min jaħseb li hawnhekk Ġesù qed jgħidilna li huwa ħażin li nieklu u nixorbu! Ġesù mhux qed jikkritika l-attività tagħna l-bnedmin, imma l-mod kif aħna naġixxu. Kulu u ixorbu flimkien. Dan huwa sinjal sabiħ tal-għaqda ta' bejnietna. Ħasra li llum il-familja ma għadhiex toqgħod ma' mejda biex tiekol flimkien; ħasra li llum il-ħbieb mhux lakemm isibu ħin biex jintasbu ma' mejda u jieklu bukkun flimkien! Dak li qed jinnota hawnhekk Ġesù kien li fi żmien Noè tant kienu medhija fl-ikel u x-xorb illi aljenaw ruħhom u nħakmu mid-distrazzjoni. Alla ħabbat fuq il-bieb ta' darhom, għamlilhom żjara, imma huma baqgħu ma ntebħux għax moħħhom kien wisq mimli bl-ikel u l-inbejjed. Ġesù qed jistedinna biex fil-ħajja nkunu aktar attenti, għax jaf ikollna l-mument tal-grazzja u nitilfuh. Bir-raġun Santu Wistin kien jgħid: "Nibża' minn Alla għaddej għax ma nindunax bih". Bħal Santu Wistin aħna għandna nitħassbu meta bin-nuqqas ta' attenzjoni tagħna nistgħu nitilfu l-okkażjoni li niltaqgħu mal-Mulej.

Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù qed jgħinna nwarrbu ċerti fehmiet li għandna f'moħħna, bħal meta naħsbu li l-laqgħa tagħna ma' Alla sseħħ biss f'ċirkustanzi straordinarji – f'mumenti ta' barra minn hawn! Oħrajn huma konvinti li din l-esperjenza hija ristretta għal ftit min-nies jew għal ċerta kategorija ta' nies. Dan mhux minnu, għax Alla jrid jiltaqa' ma' kull wieħed u waħda minna. Alla jista' jintlaħaq minn kulħadd!

Interessanti meta fil-Vanġelu Ġesù jkompli jgħid li l-miġja ta' Bin il-bniedem tista' sseħħ meta "tnejn ikunu fl-għalqa, wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; meta żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien, waħda tittieħed u l-oħra titħalla". Anki dan il-kliem jista' jħawwadna jekk naħsbu li hawnhekk Ġesù qed jitkellem fuq xi għamla ta' ġudizzju. Imma Ġesù qed ifissrilna li hu jista' jiġi wiċċ imb wiċċ magħna fl-ordinarjetà tal-ħajja, waqt l-impenji u r-relazzjonijiet normali tal-ħajja. Fil-fatt, meta jirreferi għal dawk li kienu jagħżqu u għal dawk li kienu jitħnu, Ġesù ma kienx qed jagħmel diskors ta' terrur imma ġab żewġ eżempji mill-ħajja ta' kuljum ta' dak iż-żmien! Kieku llum kien jgħid, tnejn qegħdin fl-uffiċċju jew tnejn qegħdin f'fabbrika. Kif kont semmejt fl-omelija fi tmiem is-Sena Marjana, "il-Ġiżwita San Pietru Favre (1506-1546) kien konvint li l-preżenza ta' Alla tnibbet kullimkien. Il-mistiku Meister Eckhart (1260-1328) kien jgħid: 'Stennew li ssibu lil Alla f'kollox. Kristu huwa attent għall-ħajja tagħna fl-isfumaturi kollha tagħha'. Fil-fatt, Rahner jitkellem dwar dak li jsejjaħ 'il-mistiċiżmu fil-ħajja ta' kuljum'. Il-ħajja ta' kuljum hija 'skola ta' talb'għax iġġibna wiċċ imb wiċċ ma' fatti u esperjenzi li qegħdin hemm biex ilaqqgħuna mal-misteru ta' Alla li huwa preżenti sieket.







Illum għandna magħna l-persuni diżabbli għax qegħdin f'ġimgħa li matulha s-soċjetà ċivili qed tistedinna biex nirriflettu ftit dwar dawn l-aħwa. Għalhekk, fid-dawl tal-Vanġelu li smajna, nixtieq nippreżenta lill-persuni b'diżabbiltà bħala dawk li jafu jkunu opportunità biex aħna niltaqgħu ma' Kristu. Ħafna drabi meta nitkellmu dwar dawn il-persuni nfittxu naraw kif nistgħu ngħinuhom; imma ma ninsewx li huma wkoll jistgħu jgħinuna. Jista' jiġri li fid-diżabbiltà tagħhom, dawn il-persuni huma abbli aktar minni biex ilaqqgħuna ma' Alla. Jien konvint li madwarna hawn persuni li jikkonfermaw dan kollu – persuni li jistgħu jgħidu li ltaqgħu ma' Kristu mhux meta semgħu xi omelija, imma meta ltaqgħu ma' persuni diżabbli li jkunu jikkomunikaw il-qawwa ta' Alla. Niftakar omm li kellha tifel diżabbli tgħidli li kienet konvinta li Alla żarha fil-persuna ta' binha! Ukoll meta aħna nsostnu lil dawn ħutna biex jirbħu l-iżvantaġġi ġejjin mid-diżabbiltà tagħhom, aħna għandna l-possibbiltà li niltaqgħu ma' Ġesù fl-ordinarjetà – kien Ġesù nnifsu li qalilna li dak li nagħmlu mal-iċken wieħed fostna, inkunu qegħdin nagħmluh miegħu. Il-paċi magħkom. ◆

Santa Tereża minn Avila tgħid lis-sorijiet li 'Alla tiltaqa' miegħu qalb il-borom, it-twaġen u kzazel fil-kċina'. F'waħda mill-viżjonijiet tagħha, Ġuljana minn Norwich (1342-1416) titkellem fuq 'Alla tad-dar'. Fi kliem ieħor nistgħu ngħidu li nistgħu niltaqgħu ma' Alla meta jkollna l-ixkupa f'idejna, waqt li tkun tkaħħal, waqt li tkun l-uffiċċju, fis-sala tal-isptar, terfa' l-merkanzija fis-*supermarket*, waqt li tkun bl-uniformi tħares l-ordni, waqt li tiddiskuti l-liġijiet tal-pajjiż... Jekk Alla mhux preżenti fil-ħajja ta' kuljum, ifisser li dak 'Alla'li nemmnu fih huwa biss ħlejqa ta' moħħna jew tat-tradizzjoni u mhux Alla ħaj! Daqskemm il-laqgħa ma' Alla tista' ssir fit-tempju, daqshekk ieħor tista' ssir fit-triq. Hemm kontinwità bejn l-esperjenza li nagħmlu ta' Alla waqt il-liturġija (sagramenti) u l-esperjenza ta' Alla fil-ħajja ta' kuljum. Meta nqis kif hija ċċelebrata ċerta liturġija tagħna, ma niskantax li jkun hawn min aktar jiġi qrib ta' Alla fil-pjazza milli fit-tempju!".

Billi Alla jikteb dritt fuq linji mgħawġin, kunu afu li nistgħu niltaqgħu ma' Alla anki waqt il-kuntrarju. Ħafna drabi meta naraw id-diżordni madwarna nissuspettaw li Alla jkun telaqna. Imma mhuwiex hekk, għax ukoll fl-affarijiet mgħawġin nistgħu niltaqgħu ma' Alla.





# Kartolina li tfakkar it-Tberik tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu għall-persuni nieqsa mid-dawl




Is-Santwarju Ta' Pinu għadu kemm ħareġ Kartolina flimkien mat-Timbru Postali ta' Milied f'Għawdex biex ifakkar it-tberik tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu għall-persuni nieqsa mid-dawl.

Il-kwadru ġie maħdum fir-reżin mill-Istitut għall-Għomja Francesco Cavazza ta' Bologna bl-għan li x-xbieha tal-Madonna 'tinqara' minn persuni neqsin mid-dawl. It-tberik sar nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru waqt quddiesa fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex. F'din il-quddiesa ħadu sehem bosta persuni b'diżabbiltà u residenti ta' Dar Arka f'Għajnsielem. It-Tieni Qari tal-Liturġija tal-Kelma tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent inqara bil-Braille.

Fi tmiem il-quddiesa l-Kwadru nġarr f'purċissjoni minn Dun Joseph Bajada, li hu responsabbli mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Persuni b'Diżabbiltà, lejn il-post quddiem il-Kappella tas-Sejħa fejn ħa jinżamm għall-qima. Hemmhekk imbagħad inqrat għall-ewwel darba t-Talba lill-Madonna Ta' Pinu miktuba bil-Braille fil-lingwa Maltija.

Il-quddiesa kienet animata mill-Orkestra AllegroModerato minn Milan, magħmula minn persuni b'Downs Syndrome, flimkien mal-kantanta żagħżugħa Alfina Fresta minn Catania, li għandha trombożi ċerebrali. Ta' min ifakkar li dawn taw is-sehem tagħhom waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex jiġu inawgurati l-attivitajiet għall-Milied f'Għawdex li qed jorganizza l-Ministeru għal Għawdex. Alfina flimkien mal-orkestra kienu l-mistiedna speċjali tal-Onorevoli Dr Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex.

Il-kartolina, li ġiet stampata f'edizzjoni limitata ta' 80 kopja, tista' tinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu. ♦



*A 'Ta' Pinu' Sanctuary Production. Limited editin of 80 cards.*

**INAUGURATION OF THE IMAGE OF OUR LADY OF TA' PINU FOR THE VISUALLY IMPAIRED.**

To commemorate this year's World Day for Disabled Persons and the start of Il-Milied f'Għawdex festivities the National Sanctuary of Ta' Pinu inaugurated an image of the miraculous painting of Our Lady specially prepared by the Institute for the Visually Impaired Francesca Cavazza of Bologna so that even the visually impaired persons will be able to 'read' it.

After a Mass Bishop Mario Grech blessed the image in the presence of members of the Arka Foundation and a prayer to the Virgin Mary was recited, written in Braille.
The image is now placed in front of the Chapel so those who are visually impaired, when visiting the Sanctuary, can 'feel' and 'read' it. This initiative is intended to obtain spiritual fruits from the Marian Year that has been celebrated in the diocese of Gozo.

Singer **Alfina Fresta from Catania** who suffers from cerlebral thrombosis, animated the Holy Mess, accompanied by the **AllegroModerato Orchestra of Milan.**

*Card & postmark designed by Anthony Grech*

***Card No 2 /80***

# L-Isqof Mario Grech maħtur mill-Papa Franġisku bħala Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet



**Stqarrija għall-Istampa [ST/13/19]**
**2 ta' Ottubru 2019**

Il-Q.T. il-Papa Franġisku llum ħatar lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bħala Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet. L-Isqof Grech jassumi r-responsabbiltajiet ta' Segretarju Ġenerali meta mbagħad f'Awwissu li ġej il-Kardinal Lorenzo Baldisseri, li hu s-Segretarju Ġenerali attwali tas-Sinodu, itemm il-mandat tiegħu.

Is-Sinodu tal-Isqfijiet twaqqaf mill-Papa San Pawlu VI fil-15 ta' Settembru 1965 fuq talba tal-Isqfijiet li pparteċipaw fil-Konċilju Vatikan II biex jibqa' ħaj fosthom l-ispirtu ta' mixja flimkien li wettqu fl-istess Konċilju. Il-Papa Franġisku ġedded b'mod qawwi din l-istruttura f'Settembru tas-sena 2018 u għallem li s-sinodalità hija dimensjoni kostituttiva tal-Knisja fuq kull livell tal-ħajja tagħha.

Is-Sinodu, li għandu Segretarjat Ġenerali, hu magħmul minn Segretarju Ġenerali, Sottosegretarju, u għadd ta' Kunsilli speċjali tal-Isqfijiet. Is-Sinodu jiltaqa' f'diversi assemblej: f'Assemblea Ġenerali Ordinarja għall-kwistjonijiet dwar il-ġid tal-Knisja Universali; f'Assemblea Ġenerali Straordinarja għall-kwistjonijiet urġenti; f'Assemblea Speċjali għall-kwistjonijiet li jolqtu reġjun speċifiku wieħed jew iktar, bħal fil-każ tas-Sinodu li ser jibda nhar il-Ħadd li ġej għar-reġjun tal-Amażonja. Hija responsabbiltà tal-Papa li jsejjaħ Assemblea Sinodali fi qbil ma' modalitajiet stabbiliti minnu.

Fil-frattemp, Mons. Mario Grech ġie maħtur Amministratur Appostoliku għad-Djoċesi ta' Għawdex sakemm jinħatar Isqof ġdid għal Għawdex.

Il-Papa Franġisku ħatar lill-Isqof Grech membru tal-Assemblea Speċjali tas-Sinodu għar- Reġjun Pan-Amażoniku li ser jiftaħ nhar il-Ħadd li ġej, 6 ta' Ottubru, fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan. ♦

***Filwaqt li nifirħu lil Mons. Isqof Mario Grech u nawgurawlu għal din il-ħatra tiegħu, ninfurmawkom li ser ikollna Ħarġa Speċjali b'aktar informazzjoni dwar din il-ħatra.***



# Ġrajjet Ta' Pinu
## rrakkontata minn min dammha

minn Joseph Bezzina

## 5 - Jirrakkonta Franġisk Portelli (1883 – 1922)

### Ommi fieqet: miraklu

Inkompli fejn ħalliet Karmni ta' Pori, li ilni nafha daqskemm tmur lura l-memorja tiegħi. Konna noqogħdu f'dik il-parti tal-Għarb imsejħa l-Fgura, tefgħa ta' ġebla biss 'il bogħod mid-dar tagħhom. Jien twelidt fis-6 ta' Ottubru 1850, waqt li kienet qed issir il-purċissjoni tar-Rużarju, jgħiduli. Minn meta kont għadni tifel kelli mħabba speċjali għall-Madonna. Jien u Karmni, li kienet tnax-il sena ikbar minni, ġieli ltqajna nitolbu fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

Waqt waħda minn dawn il-laqgħat lejn il-bidu tas-sajf tal-1884, Karmni fdatli sigriet. Qaltli li ma felħitx iktar iżżommu ġo qalbha fejn kienet ilha tostru sentejn sħaħ. "Kellmitni l-Madonna", nisslitli, niftakar, titriegħed bil-biża' iżda ferħana. Dammitli l-ġrajja kollha u flimkien għedna r-Rużarju.

Iżda anki jien kelli sigriet mistur ġo qalbi. Għaddew xi ftit xhur minn din il-laqgħa u nerġgħu niltaqgħu. "U int qatt ma smajt xejn?", staqsietni Karmni bħal leħħa ta' berqa. Ftaħt qalbi magħha. Għidtilha li tal-inqas għal sitt darbiet, miġbur waħdi f'talbi quddiem il-Madonna Ta' Pinu, kont smajt vuċi misterjuża. Vuċi qisha ta' mara li talbitni niftakar fil-pjaga moħbija ta' Ġesù, il-pjaga li għamillu s-salib fuq spallejh. Tlabna aktar bil-qalb dik il-lejla.

Għaddew sentejn oħra. Lejn il-bidu ta' Ottubru 1886, Ċensa, ommi, mara ta' 75 sena, inxteħtet marida gravi fis-sodda. Barra mill-età, kellha qalbha dgħajfa ħafna, artrite sejra mill-ħażin għall-agħar, u bdielha wkoll it-tarbiċ, jiġifieri nefħat bl-ilma. Kien kollu ta' xejn li bellagħnielha ħafna misturi. Baqgħet sejra lura bil-ħedel. Jien u ħuti Nikol u Nardu morna Ta' Pinu nitolbu 'l-Madonna għaliha. Wegħedniha li jekk ommi tfiq, indendlu lampier quddiem ix-xbieha tagħha u li kull meta jkollna ż-żejt nixegħluhulha. Lil ħuti m'għidnielhom xejn bil-ġrajjiet ta' Karmni u tiegħi.

Novembru kien ġa qabeż nofsu. Mimlijin fiduċja f'Marija morna lura d-dar. L-għada ommi qaltli li kienet qed tħossha ħafna aħjar. Riedet saħansitra toħroġ mis-sodda. "Kol, Nard", għajjatt qisni mbellah. "Miraklu:



ommi fieqet". L-Għarb kollu kien jaf li kienet fil-punt tal-mewt għax konna kemm-il darba għamilnielha l-agunija. Ħafifa daqs għafrid dlonk ġriet ma' kullimkien il-kelma. Ma' ħuti dritt komplejt il-wegħda. U jien u Karmni fdajna ma' xi persuni fuq il-ġrajja mirakuluża Ta' Pinu.

Il-kelma kif toħroġ mill-fomm timla d-dinja. Ġa f'Jannar tal-1887 il-ġrajja kienet instemgħet ma' Għawdex kollu. Id devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu saret f'daqqa ħuġġieġa kbira. Id-devoti u l-pellegrinaġġi bdew jiżdiedu minn jum għall-ieħor.

Fit-23 ta' Marzu, l-Arċipriet tal-Għarb, Dun Saver Debrincat, sejjaħli biex nirrakkontalu x'ġara. Għidtlu mill-aħjar li stajt. Tlitt ijiem wara sejjaħ ukoll lil Karmni Grima. F'Ġunju bagħat għalina l-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Pietru Pace. Tana l-ġurament u ġegħelna ndommulu l-ġrajja.

*Il Propugnatore Cattolico*, il-ġurnal tad-djoċesi tagħna ta' dik il-ħabta, semma l-fatti li għidna fil-ħarġiet tas-16 u tat-30 ta' April. Minn hemm ikkupjawhom xi ġurnali Maltin. Peress li f'Ġunju 1885 kien beda s-servizz regolari bejn Malta u Għawdex bil-vapurett *Gleneagles*, ħafna Maltin bdew jiġu Għawdex ħa jżuru l-Kappella Ta' Pinu. Fil-11 ta' Ġunju 1887, ġie l-ewwel pellegrinaġġ kbir minn Malta. Kien inkera vapur apposta.

Il-Kappella kienet żgħira wisq biex tilqa' dawk in-nies kollha. Id-devoti kienu għaldaqstant jikkuntentaw li jassistu għall-funzjonijiet fl-għelieqi tal-madwar. Minħabba f'hekk beda jitnissel il-ħsieb li jinbena santwarju madwar il-kappella l-antika. Imma l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi. Il-proprjetarji tal-art ta' madwar il-knisja qalgħu elf diffikutà. Saħansitra, għal diversi drabi, daħħlu lir-Rettur Ta' Pinu l-Qorti.

Fil-11 ta' Frar 1889, l-Agostinjan Ġwanni Marija Camilleri kien inħatar ir-raba' Isqof ta' Għawdex. Minkejja l-ħafna tfixkil, ma qatax qalbu. Fl-1916, ħatar bħala Rettur lil Dun Ġużepp Portelli, qassis twajjeb minn San Lawrenz. Flimkien irnexxielhom jegħlbu kull diffikultà. U fit-30 ta' Mejju 1920, fil-preżenza ta' kleru u poplu numeruż, fosthom anki jiena u Karmni, l-Isqof poġġa l-ewwel ġebla tas-Santwarju f'ġieħ il-Madonna Ta' Pinu.

Sentejn wara, fil-25 ta' Mejju 1922, Karmni, il-mara xxurtjata, marret tiltaqa' mal-Madonna fis-Sema.

# 6 - Jirrakkonta Frenċ Mercieca

## Madonna, ibqa' magħna

Man-nies kont magħruf l-iktar Frenċ tal-Għarb, mhux għax kont l-uniku Frenċ f'raħal twelidi, iżda għax hawn Għawdex kif jaħslu joħorġuhielek tibqagħlek! Twelidt in-naħiet magħrufa bħala tal-Blata nhar it-3 ta' Diċembru 1892. Meta tfarfart, missieri Salvu bagħatni l-iskola, iżda minkejja li kont dejjem minn tal-ewwel, wara sitt snin ħariġni biex ngħinu fix-xogħol tar-raba'. U meta miet fl-1917, il-piż tal-familja waqa' fuqi.

Ma niftakarx meta mort l-ewwel darba fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu. Sa minn meta kont għadni tarbija, ommi Benedetta kemm-il darba ġarritni s'hemm. Ġieli konna niltaqgħu ma' Karmni ta' Pori jew ma' Franġisk Portelli, dawk li kienu semgħu l-Madonna, u ommi kienet dejjem tistedinhom jitolbu għalija. Il-Kappella Ta' Pinu mill-ewwel kienet ġibditni ħafna. Meta kbirt f'malajr tgħallimt il-passaġġi fl-għelieqi li kienu jwasslu ħdejha u ta' spiss kont immur ngħid ir-rużarju hemmhekk.

Fl-1916, meta kelli 24 sena, beda jsir xi bini mal-kappella bil-ħsieb li 'l quddiem jinbena santwarju sabiħ. Nhar ta' Ħadd kont bil-qalb kollha niġbor numru ta' rġiel mill-Għarb biex immorru ntellgħu l-ġebel mill-barriera bil-bgħula tagħna. Tistgħu

taħsbu kemm fraħna meta nhar it-30 ta' Mejju 1920 tqiegħdet l-ewwel ġebla. Dik il-ħabta kont ukoll inbigħ xi biljetti ta' lotterija li Dun Ġużepp Portelli, ir-Rettur, kien ta' kultant jorganizza minħabba l-ispejjeż kbar. Jien u hu kemm-il darba ddiskutejna l-problemi li kienu jinqalgħu mal-Perit Andrè Vassallo. U lill-imgħallem, Vitor tal-Qanfuda, qatt ma waqaft inħeġġu ħalli jagħmel ħiltu kollha biex jibni maqdes mill-isbaħ lill-Madonna.

Il-jum minna lkoll tant mistenni żernaq nhar it-13 ta' Diċembru 1931. Dakinhar l-Isqof Mikiel Gonzi kkonsagra s-Santwarju l-ġdid. Niftiehmu, ma kienx għadu lest minn kollox, tant li l-kampnar kien għad mank għadu beda jinbena, iżda l-konsagrazzjoni serviet biex ħeġġet in-nies ħa jkomplu jkunu ġenerużi mal-Madonna. U hekk kien, għax l-għajnuna tal-Għawdxin u anki ta' xi Maltin issa żdiedet bil-bosta.

Nhar il-31 ta' Awwissu 1932, il-Papa Piju XI għoġbu jiddikjara lis-Santwarju bħala Bażilika Minuri. U fost il-ferħ tal-poplu Għawdxi kollu, nhar l-20 ta' Ġunju 1935, il-Legat tal-Papa, il-Kardinal Alessio Lepicier qiegħed kuruna tad-deheb fuq ras il-Madonna Ta' Pinu. Nhar it-8 ta' Mejju tas-sena ta' wara, f'jum il-Festa tal-Madonna ta' Pompej, il-bennej Vitor Vella temm ix-xogħol kollu tal-ġebel.

Qisu xi sena wara, ċertu Ġużeppi Cauchi, mill-Għarb bħali, waqa' u weġġa' siequ u ma setax jimxi. Ħassejt li kelli nirranġahielu. Għamiltlu xi massaġġi biż-żejt tal-Madonna u fieq. Ġriet il-kelma u f'malajr ħarġuha li bdejt infejjaq. Bdew jiġu għandi minn kull rokna ta' Għawdex u wara xi żmien anki minn Malta. Fil-11 ta' Ġunju 1938, tellgħuni l-Qorti akkużat li qed nagħmilha ta' tabib mingħajr liċenzja. Iżda ħlistha ħafif. Għalkemm kont nuża ħxejjex u ingwenti li kont nagħmel jien stess, it-tama tal-fejqan kienet ġejja mill-għajnuna ta' Alla u tal-Madonna. Intant, ta' dan kollu kienu jippruvaw iħallsuni. Iżda jien kont dejjem ngħidilhom jagħmlu offerta għall-Madonna Ta' Pinu. B'riħet hekk, irnexxieli niġbor biex nagħmel pulptu tal-irħam u anki diversi kwadri tal-altari



tal-mużajk. Kont qed ngħix biss biex inkabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu.

U biex in-nies jiġu Ta' Pinu b'devozzjoni jagħmlu wkoll atti ta' penitenza, lejn l-1961 deherli li kelli nibda ntella' xi pellegrinaġġ fuq Ta' Għammar, l-għolja faċċata Ta' Pinu. U hekk għamilt fl-24 ta' Settembru. Ġieni ħsieb ukoll li ġurnata nagħmel l-istatwi tal-Via Sagra tul it-telgħa tal-istess għolja. U meta wrejt dan il-ħsieb, in-nies kienu ġenerużi ħafna.

Iżda issa kont qbiżt is-sebgħin. Il-ġej u sejjer tan-nies wara ġurnata xogħol fl-għalqa kien qed ikiddni ħafna. U kelli ngħaddi ġranet sħaħ fis-sodda. Daqqa ħażin, daqqa kemxejn aħjar. Fl-aħħar, fid-19 ta' Mejju 1967, mort niltaqa' mal-Madonna li kont tant inħobb.

## Għeluq

Matul din is-sena fakkarna 400 sena minn meta Amadeo Perugino pitter il-Kwadru tal-Madonna Ta Pinu, u s-sena 2020 sejrin niċċelebraw il-mitt sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tas-Santwarju Ta' Pinu u l-136 sena minn meta l-Madonna Ta' Pinu sejħet lil Karmni Grima u lil Franġisk Portelli. Sejħa li għadha tibqa' tiġġedded ta' kuljum, għaliex eluf ta' pellegrini ta' kuljum iżuru dan l-imkien qaddis. Hemm f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu tant ulied isibu l-paċi u s-serħan li Kristu biss jaf jagħti. Mal-Legat tal-Papa, il-Kardinal Salvatore Pappalardo, li fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu kien għajjat bil-qalb: *"Madonna Ta' Pinu, ibqa' dejjem magħna!"*, illum fi tmiem din is-Sena Marjana mill-ġdid intennu: *"Tibżax tilqa' għandek lil Marija!"*.♦



# Mill-Ħajja tas-Santwarju

miġbura minn
**Ivan Attard**

## LULJU 2019

**L-Erbgħa, 3:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu mill-E.T. Mons. Corrado Lorefice, Arċisqof ta' Palermo fl-Italja, fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu f'Għawdex.

**Il-Ġimgħa, 12:** Patri Anton Farrugia OFM iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq il-wieħed u għoxrin anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu li kienet saret fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fit-12 ta' Lulju 1998 mill-E.T. Mons. Isqof Silvestru Magro.

**Il-Ħadd, 14:** Ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lil Diane Scerri, bint James u Antoinette Buttigieg mill-Belt Victoria. Iċ-ċelebrant kien Mons. Salv Grima.



**It-Tnejn, 15:** Fl-okkażjoni tas-Sena Marjana Djoċesana, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech ippresieda laqgħa ta' talb ekumeniku flimkien mal-Kattoliċi, Protestanti, Anglikani u rappreżentanti taċ-*Church of Scotland*. Marija twassal għall-għaqda tant mixtieqa bejn il-Knejjes Insara.

**Il-Ħadd, 21:** Għall-okkażjoni tal-Festa titulari ta' San Ġorġ iċċelebrata fil-Bażilika tiegħu fil-Belt Victoria, fin-niċċa tal-istatwa titulari waqt li din kienet għall-qima fil-korsija tal-Knisja, tqiegħdu xi oġġetti marbutin mas-Sena Marjana u speċifikament mal-400 anniversarju tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Dan anke minħabba r-rabta storika li din il-Parroċċa għandha



ma' Pinu Gauci, il-benefattur tal-kwadru, li, kif imniżżel fir-Reġistri Parrokkjali, kien "parruċċan ta' San Ġorġ" u aktarx hu midfun ukoll fl-istess Knisja Parrokkjali. Fin-niċċa, flimkien mar-Reġistru li fih imniżżel iż-żwieġ ta' bint Pinu, Catarina, u mar-replika tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu meqjum fil-Bażilika, kien hemm għall-wiri wkoll (bil-kortesija ġentili tar-Rettur tas-Santwarju) is-salib "tal-kleru" li jintuża fiċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali fil-ħajja liturġika tas-Santwarju li huwa partikulari ħafna kemm għax l-istil tiegħu huwa wieħed li jaqbel mal-arkitettura tal-knisja, u kemm għax taħt is-Salib hemm raffigurati tliet qaddisin: San Pawl, San Ġorġ u Santa Ursola li, flimkien mat-Titular tas-Santwarju – l-Assunta – ġew magħżula biex iħarsu lill-gżira Għawdxija u lil ġensha.



**It-Tnejn, 30:** Illum l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi poġġa l-iskultura fil-ġebla Maltija li kien jonqos fl-artal tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fil-parti ċentrali tal-iskultura nsibu l-ġrajja tal-Arka ta' Noe' li hija prefigurazzjoni bibblika tal-Kunċizzjoni u ħdejha hemm raffigurata l-Magħmudija, is-sagrament li jnaddaf lill-bniedem mid-dnub. Fil-ġnub insibu l-istatwi tal-Beatu Ġwanni Duns Scotus, Patri Franġiskan li għallem dwar it-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija, u l-Qaddis kumpajżan tagħna San Ġorġ Preca.

*Pellegrinaġġi:*

**It-Tlieta, 2:** Pellegrinaġġ mill-Knisja Franġiskana Santa Marija ta' Ġesu' (Ta' Ġieżu), ir-Rabat Malta.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' anzjani mill-Parroċċa tal-Madonna Ta' Fatima fi Gwardamangia.

**Il-Ħamis, 4:** Pellegrinaġġ mill-*Movimento Ecclesiale Carmelitano* waqt żjara f'Għawdex.

**It-Tnejn, 8:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Ingilterra.

Pellegrinaġġ mill-Kummissjoni Tfal Iklin immexxi mir-Rev. Dun Keith Bonnici.



**It-Tlieta, 9:** Illum għall-ewwel darba fl-istorja tal-Forzi Armati ta' Malta kif ukoll għas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu sar Pellegrinaġġ uffiċjali lejn is-Santwarju Ta' Pinu. Fil-Quddiesa li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, hu sejjaħ lis-suldati bħala ministri tas-sigurtà u tal-libertà, u dan għaliex il-missjoni tagħhom tixbah lil dik ta' Kristu li ġie biex jeqred il-ħażen u jwassal il-paċi. Huwa radd ħajr lil Alla għall-ħidma tal-Armata li qed tkun bħala Samaritan it-tajjeb li ssalva l-ħajja ta' tant persuni li qed ifittxu kenn f'pajjiżna. Fi tmiem l-Ewkaristija, Mons. Isqof poġġa lill-Forzi Armati ta' Malta flimkien mal-familji tagħhom taħt il-ħarsien tal-Madonna Ta' Pinu. Hawnhekk, huwa bierek kuruni li tqassmu lill-membri flimkien ma' kwadru tal-Madonna Ta' Pinu li ġie offrut lill-Brigadier Jeffrey Curmi.



**It-Tlieta, 16:** Pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Santa Marija f'Ħ'Attard.

**It-Tnejn, 22:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Polonja.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Portugall.

**Il-Ħamis, 25:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Polonja.

**It-Tlieta, 30:** Pellegrinaġġ mill-Għaqda tal-Abbatini li jservu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal-Qormi, Malta.

**L-Erbgħa, 31:** Pellegrinaġġ mill-Għaqda tal-Abbatini li jservu fil-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi Malta.

## AWWISSU 2019

**Il-Ħamis, 1:** Mons. Salv Pace iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-erbgħa u erbgħin anniversarju miż-żwieġ tal-koppja Fortunato u Rose Pace.

**Il-Ġimgħa, 2:** Illum is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù preżenti fis-Seminarju ta' Għawdex, Suor Giuseppina Farrugia u Suor Pierantonia Muscat, flimkien mal-*formators* u uħud mis-Seminaristi raddew ħajr lil Alla f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu għall-ħidma li taw fis-Seminarju tad-Djoċesi tagħna filwaqt li afdaw f'riġlejn materni tagħha l-għotja sħiħa tagħhom lil Alla u l-komunita' tas-Seminarju.



Ir-replika tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu beda ż-żjara tiegħu fil-Parroċċa ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli fejn ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar mexxa Quddiesa f'żona ġdida fil-Parroċċa u wara sar pellegrinaġġ *aux flambeaux* lejn il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli.

**It-Tnejn, 5 sal-Ġimgħa 9:** Il-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu kien espost għall-qima tal-insara fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara fejn l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa Ċelebrazzjoni Ewkaristika.



**Is-Sibt 10:** Il-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu ttieħed mid-Dar tal-Kleru għall-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret fl-Iklin fejn dam hemm sal-festa ta' Santa Marija. Il-kwadru twassal f'din il-Parroċċa permezz ta' Pellegrinaġġ li fih ħa sehem ukoll l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Mal-wasla tal-Kwadru fil-Parroċċa, saret Quddiesa Solenni mmexxija minn Mons. Isqof u li fiha l-Kappillan Fr. Keith Bonnici għamel messaġġ li bih sellem u laqa' x-xbieha għażiża u devota tal-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħadd, 11:** Fr. Jesmond Apap SDB mexxa Quddiesa b'radd il-ħajr għall-fejqan fil-familja.

**L-Erbgħa, 14:** Vġili tas-Solennità Liturġika tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija. Fit-8.00pm bdiet fuq iz-zuntier tas-Santwarju l-Velja tal-Assunta li permezz tagħha l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech għalaq is-Sena Marjana fl-okkażjoni tal-400 sena mill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.



L-ewwel parti tal-Velja li tinkludi Salmi u Troparji tal-Knisja tal-Punent tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Giovanni Cefai MSSP fl-ewwel żjara uffiċjali tiegħu



fis-Santwarju Ta' Pinu. L-Isqof Giovanni Cefai, iben il-Parroċċa taż-Żebbuġ Għawdex, ġie ikkonsagrat Isqof nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju 2019, jum il-festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, ġewwa l-Peru'. Huwa l-ewwel Isqof tal-Prelatura Territorjali ta' Santiago Apostol de Huancane' fil-Peru'. Fil-bidu tal-Velja, Mons. Isqof Giovanni Cefai għamel it-talba ta' Affidament lill-Madonna Ta' Pinu.

Wara, iż-żewġ Isqfijiet komplew biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Vġili tal-Assunta. Il-Velja kienet animata mill-Kor taż-Żgħażagħ immexxi minn Dorienne Portelli u akkumpanjat mill-organista Franco Cefai. Għal din il-Velja attendew 'l fuq minn 1800 ruħ flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti Maltin u Għawdxin.

Fi tmiem il-Velja, l-Isqof ta' Għawdex, f'isem is-Santwarju Ta' Pinu, offra pjaneta bix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu lill-Parroċċi ta' Għawdex. Ir-Rettur tas-Santwarju offra mitra lill-Isqof Cefai filwaqt li l-Isqof Cefai offra lis-Santwarju Ta' Pinu ritratt tiegħu u plakka bl-istemma episkopali tiegħu.

**Il-Ħamis, 15:** Solennità Liturġika tat-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Mqaddsa Marija, titular tas-Santwarju. Fil-5.30am ġiet iċċelebrata Quddiesa fuq l-Għolja Ta' Għammar filwaqt li fis-6.00pm ingħad ir-Ružarju f'Dar Karmni Grima.



**Is-Sibt, 17:** Iċ-ċelebrazzjonijiet fl-għeluq tas-Sena Marjana komplew billi s-Sibt fuq iz-zuntier tas-Santwarju saret it-tieni Edizzjoni tal-kunċert *Il Mondo Canta Maria*, imniedi minn *Radio Kolbe* ta' Vicenza. Il-kantanti ta' fama li ħadu sehem kienu Roberto Martucci, Marco Tanduo, u Aurellio Pittino flimkien mal-*Modica Gospel Choir*. Ma' dawn il-kantanti taljani kantaw wkoll il-kantanti Maltin, Miriam Christine Borg, Debbie Scerri u l-baritonu Charles Buttigieg.





**Il-Ħadd, 18:** Is-sena Marjana ġiet fit-tmiem tagħha bl-eżekuzzjoni tal-Innu Akathistos. Dan l-innu tal-Knisja Griega kien ġie maqlub għall-malti mill-mibki Isqof Nikol Ġ. Cauchi u sar fuq mużika oriġinali tal-kompożitur Għawdxi Dr. John Galea. Flimkien mal-orkestra ħa sehem il-Chorus Urbanus. Din l-attività mużikali ġiet sponsorjata mill-Ministeru għall-Għawdex taħt it-tmexxija ta' Dr. Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex.

**It-Tlieta, 20:** Saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu minn grupp ta' saċerdoti missjunarji mill-Provinċja msejħa 'Our Lady Gate of the Dawn'.

**Is-Sibt, 24:** Ġie amministrat is-Sagrament taż-Żwieġ lill-koppja Matthew Saliba u Tashana Borg.

**Il-Ġimgħa, 30:** Saret żjara lill-Madonna Ta' Pinu mill-E.T. Mons. Angelo Spinillo, Isqof tad-Djoċesi ta' Aversa fl-Italja, li kien akkumpanjat mill-E.T. Mons. Alessandro D'Errico, Nunzju Apostoliku għal Malta flimkien ma' grupp ta' disgħa u għoxrin saċerdot mid-Djoċesi ta' Aversa. Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.



**Is-Sibt, 31:** Illum ġew fi tmiemhom iċ-ċelebrazzjonijiet li saru bil-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu ġewwa l-Parroċċa ta' Santa Marija f'Birkirkara. Fis-6.00pm il-Kappillan Dun Rueben Deguara mexxa Konċelebrazzjoni li fiha r-Rettur Dun Gerard Buhagiar għamel l-omelija u wara mexxa purċissjoni bil-kwadru madwar it-toroq tal-Parroċċa. Wara, sar l-Att ta' Affidament tal-Parroċċa lill-Madonna Ta' Pinu u ngħatat il-Barka Sagramentali. Il-Kappillan irringrazzja lill-folla numeruża preżenti u stqarr "tassew għandna nkunu grati lejn ommna Marija għaliex kienet ġimgħa ta' esperjenza spiritwali sabiħa".



***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ħadd, 4:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Portugall.

**It-Tlieta, 6:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa ta' Santa Venera, Malta.

**Il-Ħamis, 8:** Pellegrinaġġ mill-Grupp *Connections Teens* fi ħdan il-Parroċċa ta' San Ġiljan, Malta.

**It-Tlieta, 20:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa ta' Santu Wistin f'Milan, l-Italja.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini li jiffrekwentaw il-Kappella ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ f'San Pawl il-Baħar, Malta.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Messiku.

**L-Erbgħa, 21:** Pellegrinaġġ mill-grupp tal-Abbatini li jservu fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija fil-Qrendi, Malta.

**Is-Sibt, 24:** Pellegrinaġġ mill-Grupp Vokazzjonijiet fi ħdan is-Seminarju Maġġuri tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

**It-Tnejn, 26:** Pellegrinaġġ mill-grupp tal-Abbatini li jservu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida, Malta.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mir-Rumanija.

**Il-Ħamis, 29:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Irlanda.

**Il-Ġimgħa, 30:** Pellegrinaġġ mill-grupp tal-Abbatini li jservu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola, is-Siġġiewi.

**Is-Sibt, 31:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' adoloxxenti mill-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem f'Birkirkara, Malta.

## SETTEMBRU 2019

**Il-Ħadd, 8:** Minn din is-sena, fid-Djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, il-Festa tat-Twelid tal-Verġni Marija bdiet tiġi iċċelebrata fi grad ta' Solennita'. Għaldaqstant, fil-Quddiesa tas-6.30pm tas-Sibt 7 ta' Settembru ngħadu s-Salmi tal-Ewwel Għasar tal-Madonna u fil-Quddies kollu li ġie iċċelebrat fis-Santwarju sar ħsieb dwar l-importanza ta' din il-festa Marjana għalina l-Maltin u l-Għawdxin.

**It-Tnejn, 9:** Il-W.R. Kan. Dun Nicholas Doublet iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

**Il-Ħadd, 15:** Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Marjana Djoċesana, illum ġie organizzat pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fejn saret Quddiesa fuq iz-zuntier mill-Isqof Mario Grech b'tifkira tal-*fallen bikers*. Il-pellegrinaġġ ġie organizzat mis-sewwieqa tal-muturi mmexxija mis-Sinjuri John Bundy u Michael Saliba. Fl-omelija tiegħu waqt il-Quddiesa, Mons. Isqof qal li fil-ħajja l-aktar ħaġa importanti hi li nsibu t-triq meta nitilfuha. Il-Verġni Marija hi bħal GPS li tgħinna nsibu t-triq li twassalna għand Ġesu'.



Matul din iċ-ċelebrazzjoni saret ukoll ġabra għall-Fondazzjoni *Puttinu Cares* li laħqet is-somma ta' € 1620. Fi tmiem l-attività, is-Sur John Bundy irringrazzja lill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Dr. Justyne Caruana tal-għajnuna li offriet biex din l-attività setgħet issir.

**Is-Sibt, 21:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa mmexxija mill-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit bħala talba ta' protezzjoni fil-bidu tal-ħidma tal-Grupp taż-Żgħażagħ *Impact* fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal-Qormi, Malta.





Fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Għar fil-Mellieħa li ġiet iċċelebrata llum, ir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar mexxa pellegrinaġġ u Quddiesa bil-prietka li saret fil-misraħ tas-Santwarju Nazzjonali tal-Mellieħa.

**It-Tlieta, 24:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu minn Abbe Musee, Isqof f'waħda mid-Djoċesijiet tal-Etjopja.

F'dawn il-ġranet, il-kwadru-replika tal-Madonna Ta' Pinu mar fil-Parroċċi ta' Santa Tereża f'Birkirkara u f'dik tal-Madonna ta' Portu Salvu (San Duminku) fil-Belt Valletta.

***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ħamis, 5:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Ħal Safi, Malta.

**Il-Ħadd, 8:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Portugall.

**It-Tnejn, 9:** Pellegrinaġġ mill-grupp 'Old Boys' mill-Parroċċa ta' Ħal Balzan, Malta.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Irlanda.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Polonja.

**L-Erbgħa, 18:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Parroċċa ta' Santa Marija fil-Qrendi, Malta.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Italja.

**Il-Ħamis, 19:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Awstrija.

**It-Tlieta, 24:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mis-Santwarju tal-Madonna tas-Samra fil-Ħamrun, Malta.

**Il-Ħamis, 26:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Polonja.

Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Indja.

**It-Tnejn, 30:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' pellegrini mill-Ġermanja.

---






**Informazzjoni miġbura minn Edward-John Depasquale**

## Lulju - Settembru 2019

**GĦAWDEX:** ...Anġlu, ...Bertu, ...Gordon, Agius Antoine, Aksisa Tessie, Attard Antoinette, Attard John, Attard Mananni, Azzopardi Marianne, Azzopardi Janice, Azzopardi Monica, Bajjada Mary, Bajjada Nicolina, Bigeni Donna, Bondin Gaejtano, Bonello Phillip, Borg Ġina, Borg Indrija, Borg Michael, Borg Tereża, Bugeja Marija, Bugeja Rita, Buhagiar Marika, Buttigieg Grace, Buttigieg Joseph, Buttigieg Marija, Callejja John, Camilleri Carmel, Camilleri Elizabeth, Camilleri Frances, Camilleri George, Camilleri Peter Paul, Cardona Sr. Ġuza, Cassar Elizabeth, Cassar Ruth, Cauchi Fr. Achille, Cauchi Carmela, Cauchi Carmelo, Cauchi Eugenio, Cauchi Fr. Michael, Cauchi Frans, Cauchi John, Cauchi Josett, Cauchi Maralyn Joe, Cauchi Nicolene, Cauchi Raymond, Cauchi Rita, Cauchi Tania, Cefai Cathy, Cini Familja, Cini John, Cini Tony, Debono Carmela, Debono Marianne, Debrincat Karista, D'Mello Mary C, Familja Gauci, Farrugia Mary Jane, Farrugia Pauline, Farrugia Rose, Fenech Andrea, Formosa Charlton, Formosa Marija,Galea Catherine, Galea Familja, Galea Ġinesja, Galea Josephine, Galea Marija, Galea Paul, Gauci Dun Ġuzepp, Gauci Marthese, Gauci Ransew, Grech Ċetta, Grech Concetta, Grech Frances, Grech Joanne, Grech Marija, Grech Tessie, Grima Charlotte, Haber Mary, Hili Pawla, Mercieca Doreen, Mercieca George, Mercieca Grace, Mercieca Jane, Mifsud Josephine, Mifsud Pauline, Mizzi Antonio, Mizzi Ġużepp, Mizzi Isaac, Mizzi Marija, Muscat Bertu, Muscat Brandon John, Muscat Mario, Muscat Mary Louise, Muscat Mary Louise Muscat Terezina, Pace Marija, Portelli Angela, Portelli Jane, Portelli Nata, Portelli Peter Paul & Ġuża, Portelli Peter Paul, Portelli Violet, Refalo Paul, Said Ġanna, Said Marija, Said Michelle, Saliba Mary Jane, Sciberras Joseph, Spiteri Joseph, Spiteri Loreta, Sultana DoreenSultana Ġuzeppa, Sultana Lisa, Sultana Rita, Tabone Michael, Tabone Nancy, Tabone Rita, Theuma Victoaia, Vella Angie, Vella Emmanuel, Vella Emmanuel, Vella Margaret, Vella Rose, Xerri Margaret, Xerri Mario, Zerafa Margaret.

**MALTA:** ...Gina,....Sandra,...Stella,...Thomas...Josephine, Abela Doris, Abela Martin, Abela Mary, Abela Pawlu, Agius Carmelo, Attard Bernardette, Attard Kunċetta, Attard Nathalie, Azzopardi John, Azzopardi Manwela, Azzopardi Marisa, Azzopardi Rodrick, Azzopardi Tony, Bellizzi John, Bonanno Mary Anne,Bonnici Anna, Bonnici Annunzjata, Bonnici Mary Anne, Bonnici Rita, Borg Doris, Borg Ġorġina, Borg Helen, Borg Maria, Borg Mary, Briffa Amy, Briffa Amy, Briffa Mario, Bugeja Victoria, Buhagiar Cicely, Buhagiar Louis, Busuttil Dianne, Callejja Lily, Camilleri Cathy, Camilleri Loreta, Camilleri Marija, Carabot Marija, Cassar Aloira, Cassar Christian, Catania John, Cauchi Sr. Marlene,Coleiro Rosalie, Cutajar Domnic, Cutajar Ġemma, Debono Carmel, Dimech Vicky, Falzon Ġanni, Falzon Gordon,Falzon Lina, Familja Briffa, Familji Caruana & Degiorgio, Farrugia Dimech Familja, Farrugia Marlene, Farrugia Spira, Fenech Carmel, Fenech Dorothy, Fenech Familja, Fenech George, Formosa Antoinette, Formosa Jane, Formosa John, Francalanza Joseph, Galea Debono Dorothy, Galea Doris, Galea Grace, Galea Joseph, Galea Karnena, Gatt Ġina, Gatt Matija, Gatt Paul, Gatt Raymonda, Gauci Irene, Gauci Michael, Giuliano Vince, Grech Manwel, Grima Alfons, Grima Doreen, Guliano Vince, Isterwood Josephine, King Michael,Lebite Thaddeus, Mallia Vince, Martino Carmel, Micallef Doris, Micallef Louis, Micallef Lourdes, Micallef Marlene, Micallef Renato Micallef Ronald, Micallef Thekla, Mifsud Carmen, Muscat Charlie, Pace Frances, Pace Marisa, Pirotta Tereża, Portelli Mary, Psaila Margaret, Scerri Doris,

*Ikompli f'paġna 44*



# Preżentazzjoni tat-Trabi lil Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward-John Depasquale

**Lulju - Settembru 2019**

**GĦAWDEX:** Albrecth Claudia-Joelyn, Attard Sarita, Bajada Emily, Borg Amelia, Borg Jacob, Borg Marks Andrew, Bugeja Amber, Bugeja Nicholia, Buhagiar Mariella, Buttigieg Jake, Buttigieg Jake, Buttigieg Karina, Buttigieg Luċija, Buttigieg Luisa, Buttigieg Mikayla, Buttigieg Nora,Calleja Logan Gab, Camilleri Estelle, Camilleri Neil, Camilleri Veronique, Camilleri Zaylee, Caruana Karl, Casha Matthias, Cassar Kayleigh, Cassar Yana, Cauchi Francesco, Cauchi Luca, Cefai Gabriel, Cini Liam, Cordina John Paul, Cordina Marija, Cremona Bradley, Cremona Hailey, Cutajar Kaylie, Debono Krista, Galea Benjamin, Gatt Emma Ann, Gatt Ryan, Gatt Zac, Gauci Kate, Grech Anthony, Grech Carina, Grech Darren, Grima Kade, Hu Philip, Mercieca Lucas, Mizzi Chloe, Mizzi Joel, Nivankwo Aiden, Pace Drew, Pace Timothy, Portelli Ana, Portelli Elisa Marie, Portelli Matteo Saliba Ana, Sant Alexander, Spiteri Isaac, Stojanovic Dejan, Stojanovic Yelenia, Tabone Lincoln, Vassallo Ella, Vella Ashley Marie, Vella Francesco, Vella Ġorġette, Vella Jasmine, Vella Marija, Vella Matteo, Vella Thea Joy, Xerri Luke, Xerri Mason, Xuereb Adriel, Xuereb Amber, Xuereb Giulia, Xuereb Jurgen, Xuereb Kaycee, Zerafa Anthony.

**MALTA:** Agius Chloe, Agius Shaun, Aquilina Amlikeya, Aquilina Beppe, Aquilina Kaylen, Azzopardi Amy, Bartolo Sheldon, Bonaci Luc Alexander, Bondin Vella Ella, Bonnici Elias, Bonsfield Lee, Borg Camilleri Antonio, Borg Ema, Buttigieg Willtoine, Calleja Adam, Calleja Angelica, Calleja Jake, Camilleri Jack, Camilleri Kieren, Camilleri Kyle, Camilleri Luisa, Cassar Giorgio, Chircop Alaizah, Ciantar Giulia, Cilia Amy, Coleiro Luca, Coleiro Matteo, Cortis Alessandro, Debono Martina, Debono Shazaya, Degabriele Belfiore Myra, Demanuele Yon, Desira Adam, Desira Amy, Desira Yana, Falzon Jean, Formosa Dyklan Ron, Frendo Magro Ella, Frendo Magro Mikail, Galea Noah Ġuze, Gatt Mila, Giordimaina Kane, Grech Maria, Grima Chantelle, Lapira Stella, Mifsud Shaleizia, Muscat Joelle, Nomvija Anira, Oliva Luca, Paris Moore Philippa, Portelli Charlton, Pulis Ariana, Saliba Luke, Sammut Matthias, Schembri Jack, Schembri Liana, Seguna Solei, Tabone Cloe, Vassallo Ema,Vella Cassia Olivia, Vella Martina, Xuereb Yan, Zahra Eliza, Zammit Dejan, Zerafa Grech Valentina, Zerafa Luisa.

**AMERIKA:** Cordina Julian.

---

*Ikompli minn paġna 43*

## *Grazzi Omm Tiegħi tas-Sema...*

Schembri Carmen, Schembri Fr. Albert, Schembri Mary Anne, Schiavone Sonny, Sciberras Patrick, Scicluna George, Spiteri Antonia, Spiteri Joseph, Vasallo Vanessa, Vassallo Paul, Vella Cassio Massino, Vella Claudio, Vella Doreen, Vella Elizabeth, Vella Evanġelista, Vella Frances, Vella Nina,Xuereb Yana, Zahra Doris, Zammit Antonia, Zammit Antonia, Zammit Joseph, Zammit Mariella, Zammit Rose.

**EWROPA:** ...Nakisa, ...Trioha, Clarke Michael, Gauci Sr. Joseph, Grech Michael & Maria, Portelli Leo.

**AMERIKA:** Cauchi Josette, Muscat Peter, Said Emanuel,

**AWSTRALJA:** Galea Jeanette, Grima Georgette, Mercieca Salvina, Piscopo Carmel, Saliba Mary, Zammit Pauline & Charlie.



# "Għammar fostna..."





## Wirja ta' Presepji minn diversi pajjiżi







**Mużew Dar Karmni Grima**

**Mill-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2019**

**sal-Ħadd 5 ta' Jannar 2020**

***Ħinijiet:*** **Ħdud: 9.00am - 12.30pm**

**Mit-Tlieta sas-Sibt: 9.00am - 4.00pm.**







# Kalendarju 2020

*Ritratti bil-kulur ta' attivitajiet mis-Sena Marjana*

*Il-Festi u l-kulur liturġiku taż-żminijiet prinċipali tal-Knisja*

*Dati tal-attivitajiet prinċipali tas-Santwarju Ta' Pinu*

**Akkwista dan ir-rigal sabiħ għall-familja u għall-Emigranti mis-Santwarju Ta' Pinu**

NEWSPAPER POST